ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 122

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

8 ta' Mejju 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 405/2008 tas-7 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 406/2008 tas-7 ta' Mejju 2008 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn tat-28 ta' April u tat-2 ta' Mejju 2008 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali .... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 407/2008 tas-7 ta' Mejju 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea** ........ 7

IV *Atti oħrajn*

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

★ **Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 298/05/COL tat-22 ta' Novembru 2005 dwar il-proposta għal rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għal ċerti setturi economici (In-Norveġja)** ........ 11

(*Ikompli fil-paġna ta' wara*)



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

**Il-Kumitat Permanenti ta' l-Istati EFTA**

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA Nru 1/2006/KP tas-27 ta' April 2006 dwar il-verifika ta' proġetti skond il-Mekkaniżmu Finanzjarju (2004–2009)** .................... 30

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA Nru 1/2007/KP tal-25 ta' Ottubru 2007 li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 5/2004/KP li jistabbilixxi prinċipju tal-qsim ta' l-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE** ............................................... 32

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA Nru 3/2007/KP tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti ta' l-EFTA u li tneħħi d-Deċiżjoni Nru 3/2005/KP tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA** ...................................................... 33

MT

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 405/2008

## tas-7 ta' Mejju 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Mejju 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 53,7 |
| | TN | 102,3 |
| | TR | 125,7 |
| | ZZ | 93,9 |
| 0707 00 05 | TR | 145,3 |
| | ZZ | 145,3 |
| 0709 90 70 | TR | 116,5 |
| | ZZ | 116,5 |
| 0805 10 20 | EG | 45,7 |
| | IL | 63,2 |
| | MA | 52,5 |
| | TN | 53,2 |
| | TR | 63,7 |
| | US | 49,0 |
| | ZZ | 54,6 |
| 0805 50 10 | AR | 114,0 |
| | IL | 134,7 |
| | TR | 128,9 |
| | ZA | 109,4 |
| | ZZ | 121,8 |
| 0808 10 80 | AR | 91,8 |
| | BR | 86,0 |
| | CA | 88,5 |
| | CL | 89,2 |
| | CN | 97,9 |
| | MK | 65,0 |
| | NZ | 117,3 |
| | US | 115,1 |
| | UY | 73,3 |
| | ZA | 80,1 |
| | ZZ | 90,4 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 406/2008

## tas-7 ta' Mejju 2008

## li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn tat-28 ta' April u tat-2 ta' Mejju 2008 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għas-snin ta' negozju 2006/07, 2007/08 u 2008/09 sabiex jiġu importati u raffinati prodotti taz-zokkor skond ċerti kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali ([2]), u partikolarment Artikolu 5 (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni ġew sottomessi lill-awtorità kompetenti fil-perjodu ta' bejn tat-28 ta' April u tat-2 ta' Mejju 2008 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 1832/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali fis-settur taz-zokkor b'riżultat ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ([3]) għall-kwantità totali bħall-kwantità disponibbli għan-numru tas-serje 09.4332 (2007-2008).

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skond il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u tinforma lill-Istati Membri li l-limitu li kien ġie ffissat intlaħaq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-liċenzji għandhom jiġu maħruġa fil-limiti kwantitattivi li ġew stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament fir-rigward ta' l-applikazzjonjiet tal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa bejn tat-28 ta' April u tat-2 ta' Mejju 2008, f'konformità ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 371/2007 (ĠU L 92, 3.4.2007, p. 6).

([3]) ĠU L 354, 14.12.2006, p. 8.

*ANNESS*

**Zokkor Preferenzali; l-AKP u l-Indja**

**Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 28.4.2008-2.5.2008<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliże | 100 | Intlaħqu |
| 09.4333 | Il-Kosta ta' l-Ivorju | 100 | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | 100 | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Gujana | 100 | |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 100 | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 100 | |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 0 | Intlaħqu |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Suriname | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 100 | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | 100 | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 100 | |

**Zokkor kumplimentari**

**Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 28.4.2008-2.5.2008<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4315 | L-Indja | 100 | |
| 09.4316 | Il-pajjiżi firmatarji tal-Protokol ta' l-AKP | 100 | |

**Il-konċessjonijiet taz-zokkor għal CXL**

**Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 28.4.2008-2.5.2008<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4318 | Il-Brażil | 0 | Intlaħqu |
| 09.4319 | Kuba | 0 | Intlaħqu |
| 09.4320 | Pajjiżi terzi oħra | 0 | Intlaħqu |

**Iz-zokkor tal-Balkani**

**It-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 28.4.2008-2.5.2008<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | 100 | |
| 09.4325 | Il-Bożnja-Ħerżegovina | 0 | Intlaħqu |
| 09.4326 | Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo | 100 | |
| 09.4327 | L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja | 100 | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor f'każ eċċezzjonali u l-importazzjoni taz-zokkor industrijali**

**It-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Tip | Ġimgħa ta' bejn 28.4.2008-2.5.2008<br>tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | F'każ eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | — | |

**L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija**

**Kapitolu 1 Sezzjoni 2 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| Ordni Nru | Tip | Ġimgħa ta' bejn 28.4.2008-2.5.2008<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4365 | Il-Bulgarija | 0 | Intlaħqu |
| 09.4366 | Ir-Rumanija | 100 | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 407/2008

## tas-7 ta' Mejju 2008

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000, li jintroduċi miżuri ta' kummerċ eċċezzjonali għal pajjizi u territorji li jipparteċipaw jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2820/98, u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000 [1], partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Nru 2007/2000 jistipula aċċess illimitat bla dazju fis-suq Komunitarju għal kważi l-prodotti kollha li joriġinaw fil-pajjiżi u t-territorji li jibbenefikaw mill-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(2) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ottubru 2007. Sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu, ġie ffirmat u konkluż Ftehim *Interim* li jkopri l-kummerċ u dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008 [2].

(3) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-Ftehim *Interim* jistabbilixxu reġim kummerċjali kuntrattwali bejn il-Komunità u l-Montenegro. Il-konċessjonijiet kummerċjali bilaterali fuq in-naħa tal-Komunità huma ekwivalenti għall-konċessjonijiet applikabbli fi ħdan il-miżuri awtonomi unilaterali skond ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000.

(4) Huwa għalhekk xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 biex iqis dawn l-iżviluppi. B'mod partikolari huwa xieraq li l-Montenegro jitneħħa mil-lista ta' benefiċjarji tal-konċessjonijiet tariffarji mogħtija għall-istess prodotti skond ir-reġim kuntrattwali. Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġu aġġustati l-volumi tal-kwota tariffarja globali għal prodotti speċifiċi li ngħataw kwoti tariffarji skond ir-reġimi kuntrattwali.

(5) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1398/2007 tat-28 ta' Novembru 2007 [3], il-Montenegro u l-Kosovo [4] tneħħew mill-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi li mhumiex koperti bi ftehimiet bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew b'regoli speċifiċi Komunitarji oħra dwar l-importazzjoni [5]. Għalhekk, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000 skada u għandu jitneħħa.

(6) Il-Montenegro se jibqa' benefiċjarju tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000 billi r-Regolament jistipula konċessjonijiet li huma aktar favorevoli milli l-konċessjonijiet li jeżistu taħt ir-reġim kuntrattwali.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Arranġamenti preferenzjali**

1. Suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali stipulati fl-Artikolu 4, prodotti li joriġinaw fil-Bożnja u l-Ħerzegovina jew fit-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo, ħlief dawk ta' l-intestaturi 0102, 0201, 0202, 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 1604, 1701, 1702 u 2204 tan-Nomenklatura Magħquda, għandhom jiġu ammessi għal importazzjoni fil-Komunità mingħajr restrizzjonijiet jew miżuri kwantitattivi b'effett ekwivalenti u b'eċċezzjoni mid-dazji doganali u imposti b'effett ekwivalenti.

[1] ĠU L 240, 23.9.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 530/2007 (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 1).
[2] ĠU L 345, 28.12.2007, p. 1.
[3] ĠU L 311, 29.11.2007, p. 5.
[4] Kif definit fl-UNSCR 1244.
[5] ĠU L 67, 10.3.1994, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1398/2007 (ĠU L 311, 29.11.2007, p. 5).

2. Prodotti li joriġinaw mill-Albanija, mir-Repubblika tal-Kroazja jew minn dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jew mill-Montenegro għandhom ikomplu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fejn hemm indikat jew minn kwalunkwe miżuri stipulati f'dan ir-Regolament li jkunu aktar favorevoli mill-konċessjonijiet kummerċjali stipulati fil-qafas tal-ftehimiet bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u dawn il-pajjiżi.

3. Importazzjonijiet ta' prodotti taz-zokkor taħt l-intestaturi 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda li joriġinaw mill-Bożnja u l-Ħerzegovina jew mit-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo, għandhom jibbenefikaw minn konċessjonijiet stipulati fl-Artikolu 4."

(2) L-Artikolu 3 huwa mħassar.

(3) Fl-Artikolu 4(2), il-punt (d) hu mibdul b'dan li ġej:

"(d) 9 175 tunnellata (piż tal-karkassa) għal prodotti 'baby-beef' li joriġina mit-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo".

(4) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 hu ssostitwit b'li ġej:

"4. Importazzjonijiet ta' prodotti taz-zokkor taħt l-intestaturi 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda li joriġinaw fil-Bożnja u l-Ħerzegovina u t-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo, għandhom ikunu suġġetti għall-kwoti tariffarji annwali bla dazju li ġejjin:

(a) 12 000 tunnellata (toqol nett) għal prodotti taz-zokkor li joriġinaw mill-Bożnja u l-Ħerzegovina;

(b) 180 000 tunnellata (toqol nett) għal prodotti taz-zokkor li joriġinaw mit-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo."

(5) L-Anness I huwa mibdul bit-test ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-oġġetti li, fid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jew huma fi transitu jew huma fil-Komunità għal ħażna temporanja fil-ħażniet doganali jew fiż-żoni ħielsa u li qabel dik id-data, inħarġet għalihom xhieda ta' oriġini mill-Montenegro skond it-Titolu IV, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) 2454/93 [1], se jkomplu jgawdu mir-Regolament (KE) Nru 2007/2000 għal perjodu ta' erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Peter MANDELSON
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**LI JIKKONĊERNA L-KWOTI TARIFFARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(1)**

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti huma meqjusa li ma għandhomx aktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita, fil-kuntest ta' dan l-Anness, skond il-kodiċi NM. Fejn ex kodiċi NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni li tikkorrispondi meħuda flimkien.

| Ordni Nru | Kodiċi NM | Id-Deskrizzjoni | Volum tal-kwota fis-sena [1] | Il-Benefiċjarji | Rata ta' dazju |
|---|---|---|---|---|---|
| 09.1571 | 0301 91 10<br>0301 91 90<br>0302 11 10<br>0302 11 20<br>0302 11 80<br>0303 21 10<br>0303 21 20<br>0303 21 80<br>0304 19 15<br>0304 19 17<br>ex 0304 19 19<br>ex 0304 19 91<br>0304 29 15<br>0304 29 17<br>ex 0304 29 19<br>ex 0304 99 21<br>ex 0305 10 00<br>ex 0305 30 90<br>0305 49 45<br>ex 0305 59 80<br>ex 0305 69 80 | Trota (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; imqatta' fetta fetta u laħam ieħor ta' ħut; dqiq, qlub tal-qamħ u pritkuni, tajbin għall-konsum mill-bniedem | 50 tunnellata | Il-Bożnja u l-Ħerżegovina, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |
| 09.1573 | 0301 93 00<br>0302 69 11<br>0303 79 11<br>ex 0304 19 19<br>ex 0304 19 91<br>ex 0304 29 19<br>ex 0304 99 21<br>ex 0305 10 00<br>ex 0305 30 90<br>ex 0305 49 80<br>ex 0305 59 80<br>ex 0305 69 80 | Karpjun: ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; imqatta' fetta fetta u laħam ieħor ta' ħut; Dqiq, qlub tal-qamħ u pritkuni, tajbin għall-konsum mill-bniedem | 110 tunnellata | Il-Bożnja u l-Ħerżegovina, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |
| 09.1575 | ex 0301 99 80<br>0302 69 61<br>0303 79 71<br>ex 0304 19 39<br>ex 0304 19 99<br>ex 0304 29 99<br>ex 0304 99 99<br>ex 0305 10 00<br>ex 0305 30 90<br>ex 0305 49 80<br>ex 0305 59 80<br>ex 0305 69 80 | Denċi (*Dentex dentex* u *Pagellus* spp.): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; imqatta' fetta fetta u laħam ieħor ta' ħut; Dqiq, qlub tal-qamħ u pritkuni, tajbin għall-konsum mill-bniedem | 75 tunnellata | Il-Bożnja u l-Ħerżegovina, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |

| Ordni Nru | Kodifiċi NM | Id-Deskrizzjoni | Volum tal-kwota fis-sena ([1]) | Il-Benefiċjarji | Rata ta’ dazju |
|---|---|---|---|---|---|
| 09.1577 | ex 0301 99 80<br>0302 69 94<br>ex 0303 77 00<br>ex 0304 19 39<br>ex 0304 19 99<br>ex 0304 29 99<br>ex 0304 99 99<br>ex 0305 10 00<br>ex 0305 30 90<br>ex 0305 49 80<br>ex 0305 59 80<br>ex 0305 69 80 | Spnott (*Dicentrarchus labrax*): ħaj; frisk jew imkessaħ; friżat; imnixxef; immellaħ jew fis-salmura, affumikat; imqatta’ fetta fetta u laħam ieħor ta’ ħut; Dqiq, qlub tal-qamħ u pritkuni, tajbin għall-konsum mill-bniedem | 60 tunnellata | Il-Bożnja u l-Ħerżegovina, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |
| 09.1561 | 1604 16 00<br>1604 20 40 | Inċova ppreparata jew ippreżervata | 60 tunnellata | Il-Bożnja u l-Ħerżegovina, it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | 12,5 % |
| 09.1515 | ex 2204 21 79<br>ex 2204 21 80<br>ex 2204 21 84<br>ex 2204 21 85<br>2204 29 65<br>ex 2204 29 75<br>2204 29 83<br>ex 2204 29 84 | Inbid ta’ għeneb frisk, ta’ saħħa alkoħolika attwali bil-massa ta’ mhux aktar minn 15 % vol, ħlief inbid effervexxenti | 129 000 hl ([2]) | L-Albanija ([3]), il-Bożnja u l-Ħerżegovina, il-Kroazja ([4]), dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja ([5]), il-Montenegro ([6]), it-territorji doganali tas-Serbja jew il-Kosovo | Eżenzjoni |

([1]) Volum globali wieħed għal kull kwota tariffarja aċċessibbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi benefiċjarji.

([2]) Il-volum ta’ din il-kwota tariffarja globali għandha titnaqqas jekk il-volumi tal-kwota tal-kwoti tariffarji individwali applikabbli taħt in-Nru ta’ l-ordni 09.1588 għal ċerti nbejjed li joriġinaw fil-Kroazja jiżdiedu.

([3]) Aċċess għall-inbid li joriġina mir-Repubblika tal-Kroazja għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mal-Kroazja. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta’ l-ordni 09.1588 u 09.1589.

([4]) Aċċess għall-inbid li joriġina minn dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja skond din il-kwota tariffarja globali, huwa soġġett għall-eżawriment minn qabel tal-kwoti tariffarja individwali pprovduti fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż ma’ dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta’ l-ordni 09.1558 u 09.1559.

([5]) Aċċess għall-inbid li joriġina mir-Repubblika ta’ l-Albanija għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż ma’ l-Albanija. Dawn il-kwoti tariffarji individwali huma miftuħa taħt in-Nri ta’ l-ordni 09.1512 u 09.1513.

([6]) Aċċess għall-inbid li joriġina mill-Montenegro għal din il-kwota tariffarja globali, hija bil-kundizzjoni li qabel jiskadu l-kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mal-Montenegro. Din in-nota individwali hi miftuħa taħt l-ordni Nru 09.1514.”

IV

*(Atti oħrajn)*

# SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA

## Nru 298/05/COL

## tat-22 ta' Novembru 2005

## dwar il-proposta għal rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għal ċerti setturi economici (In-Norveġja)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA [1],

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2], b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja [3], b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Artikolu 1(2) fil-Parti I u l-Artikoli 4(4), 6 u 7(5) fil-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Linji ta' Gwida ta' l-Awtorità [4] dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE,

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' l-14 ta' Lulju 2004 dwar id-dispożizzjonijiet implimentattivi li jissemmew fl-Artikolu 27 fil-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

WARA LI KKUNSIDRAT is-Sentenza tal-Qorti ta' l-EFTA fil-Kawża E-6/98 Il-Gvern tan-Norveġja *versus* L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA [5],

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità Nru 172/02/COL tal-25 ta' Settembru 2002 li tipproponi miżuri xierqa rigward l-iskema tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati [6] u għall-ittra mill-awtoritajiet Norveġiżi li ġġib id-data tad-29 ta' Ottubru 2002 fejn jaċċettaw il-miżuri xierqa,

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità Nru 218/03/COL tat-12 ta' Novembru 2003 rigward l-għajnuna mill-Istat f'forma ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali mħallsa b'mod divrenzjat skond ir-reġjun [7],

WARA LI SEJĦET lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ċitati aktar 'il fuq [8],

---

(1) Li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ l-Awtorità.
(2) Li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE.
(3) Li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
(4) Il-Linji ta' Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-ĠU L 231, 3.9.1994, Supplimenti taż-ŻEE Nru 32. Il-Linji ta' Gwida ġew emendati l-aħħar fis-17.6.2005. Minn hawn 'il quddiem se jissejħu l-Linji ta' Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.
(5) Kawża E-6/98 *Il-Gvern tan-Norveġja* vs *L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA* [1999] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA, p. 76.
(6) Id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 172/02/COL. Id-Deċiżjonijiet kollha ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA dwar l-Għajnuna mill-Istat li jissemmew minn hawn 'il quddiem jistgħu jinstabu fuq is-sit web ta' l-Awtorità: http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/
(7) Id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 218/03/COL, ippubblikata fil-ĠU L 145, 9.6.2005, p. 25-41.
(8) Id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA Nru 245/04/COL, ippubblikata fil-ĠU Ċ 60, 10.3.2005, p. 9-25.

BILLI:

## I. IL-FATTI

### 1. Il-proċedura

Skond l-Artikolu 1(3) fil-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw il-ħsieb tagħhom li japplikaw rati mnaqqsa ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għall-intrapriżi li jinsabu fiż-Żoni ġeografikament allokati 2, 3 u 4 fin-Norveġja u li huma attivi f'ċerti setturi ekonomiċi. In-notifika ntbagħtet b'ittra li kienet iġġib id-data tas-26 ta' April 2004 mill-Missjoni Norveġiża lill-Unjoni Ewropea, fejn għaddiet ittra mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija flimkien ma' ittra mill-Ministeru tal-Finanzi, it-tnejn iġibu d-data tat-23 ta' April 2004, li ġew riċevuti u reġistrati mill-Awtorità fis-27 ta' April 2004 (Avveniment Nru 278992).

Wara diversi skambji ta' korrispondenza u laqgħat bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet Norveġiżi (1), meta jitqiesu d-diffikultajiet serji li l-Awtorità kellha biex tiddikjara l-miżura notifikata bħala kompatibbli ma' l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità ddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

Id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità Nru 245/04/COL tas-6 ta' Ottubru 2004 sabiex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment ŻEE tiegħu (2). L-Awtorità sejħet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom.

B'ittra mill-Missjoni Norveġiża għall-Unjoni Ewropea li ġġib id-data tat-12 ta' Novembru 2004, l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-kummenti tagħhom għad-deċiżjoni ta' ftuħ (Avveniment Nru 299087). L-Awtorità ma rċeviet l-ebda kumment mingħand il-partijiet interessati.

### 2. Deskrizzjoni tal-miżura proposta

(a) *L-isfond*

Fuq il-bażi ta' l-Att Norveġiż dwar is-Sigurtà Soċjali tat-28 ta' Frar 1997 ("*Lov om folketrygd*"), l-impjegati kollha fin-Norveġja huma suġġetti għal kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-iskema nazzjonali tas-sigurtà soċjali. Dawn il-kontribuzzjonijiet jiġu kalkulati b'relazzjoni għas-salarji grossi ta' l-impjegati u jiġu divrenzjati skond il-post ta' residenza ta' l-impjegati. Għal dan l-iskop, in-Norveġja hija maqsuma f'ħames żoni ġeografiċi. Żona 1 (3) tinkludi l-partijiet l-aktar ċentrali tal-parti fin-Nofsinhar tal-pajjiż u tkopri 76,6 % mill-popolazzjoni totali tan-Norveġja. Żona 2 (4) tinkludi partijiet inqas ċentrali tan-Nofsinhar tan-Norveġja u tkopri 9,4 % mill-popolazzjoni totali fin-Norveġja. Żona 3 (5) fil-parti l-kbira tkopri ċerti reġjuni muntanjużi fin-Nofsinhar tan-Norveġja b'kopertura ta' 2,6 % mill-popolazzjoni totali tan-Norveġja. Żona 4 (6) hija magħmula mill-parti l-aktar lejn it-Tramuntana tan-Nofsinhar tan-Norveġja kif ukoll mit-Tramuntana tan-Norveġja, 'l isfel miż-Żona 5. Żona 4 tkopri 9,4 % mill-popolazzjoni totali. Żona 5 (7) tkopri l-parti l-aktar lejn it-Tramuntana tal-pajjiż.

L-Awtorità fetħet il-proċedura ta' investigazzjon formali rigward ir-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati fin-Norveġja fid-19 ta' Novembru 1997 (8). Fit-2 ta' Lulju 1998, l-Awtorità adottat deċiżjoni (9) fejn sabet li s-sistema, permezz tal-baġit ta' l-Istat, kienet tipprovdi benefiċċju lil ċerti intrapriżi, li ma setax jiġi ġustifikat fuq il-bażi tan-natura u tal-karattru ġenerali tas-sistema u li kien ixekkel jew kien jhedded li jxekkel il-kompetizzjoni fiż-Żona Ekonomika Ewropea (10). Din is-sistema riedet tiġi allinjata mar-regoli tal-Ftehim taż-ŻEE.

(1) Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar l-għadd ta' korrispondenza li kien hemm bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet Norveġiżi, qed issir referenza għad-Deċiżjoni ta' l-Awtorità biex tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, id-Deċiżjoni Nru 245/04/COL, ippubblikata fil-ĠU Ċ 60, 10.3.2005, p. 9-25.

(2) Ippubblikata fil-ĠU Ċ 60, 10.3.2005, p. 9-25.

(3) Din iż-Żona tinkludi l-muniċipalitajiet kollha li ma jissemmewx aktar 'l isfel taħt iż-Żoni 2-5.

(4) Din iż-Żona tinkludi: fil-kontea ta' Nord-Trøndelag, il-muniċipalitajiet ta' Meråker, Frosta, Leksvik, Mosvik, Verran; fil-kontea ta' Sør-Trøndelag, il-muniċipalitajiet ta' Ørland, Agdenes, Rissa, Bjugn, Rennebu, Meldal, fil-kontea ta' Hordaland, il-muniċipalitajiet ta' Etne, Ølen, Tysnes, Kvinnherad, Jondal, Odda, Ullensvang, Eidfjord, Ulvik, Granvin, Kvam, MoMidtre Gauldal, Selbu; fil-kontea ta' Møre og Romsdal, il-muniċipalitajiet ta' Vanylven, Sande, Herøy, Norddal, Stranda, Stordal, Rauma, Nesset, Midsund, Sandøy, Gjemnes, Tingvoll, Sunndal, Haram, Aukra, Eide; fil-kontea ta' Sogn og Fjordane, il-muniċipalitajiet kollha; fil-kontea ta' Hordaland, il-muniċipalitajiet ta' Etne, Ølen, Tysnes, Kvinnherad, Jondal, Odda, Ullensvang, Eidfjord, Ulvik, Granvin, Kvam, Modalen, Fedje, Masfjorden, Bømlo; fil-kontea ta' Rogaland, il-muniċipalitajiet ta' Hjelmeland, Suldal, Sauda, Kvitsøy, Utsira, Vindafjord, Finnøy; fil-kontea ta' Vest-Agder, il-muniċipalitajiet ta' Åseral, Audnedal, Hægebostad, Sirdal; fil-kontea ta' Aust-Agder, il-muniċipalitajiet ta' Gjerstad, Vegårshei, Åmli, Iveland, Evje og Hornnes, Bygland, Valle, Bykle; fil-kontea ta' Telemark, il-muniċiptalitajiet ta' Drangedal, Tinn, Hjartdal, Seljord, Kviteseid, Nissedal, Fyresdal, Tokke, Vinje, Nome; fil-kontea ta' Buskerud, il-muniċipalitajiet ta' Flå, Nes, Gol, Hemsedal, Ål, Hol, Sigdal, Rollag, Nore and Uvdal; fil-kontea ta' Oppland, il-muniċipalitajiet ta' Nord-Fron, Sør-Fron, Ringebu, Gausdal, Søndre Land, Nordre Land; fil-kontea ta' Hedmark, il-muniċipalitajiet ta' Nord-Odal, Eidskog, Grue, Åsnes, Våler, Trysil, Åmot.

(5) Din iż-Żona tinkludi: fil-kontea ta' Nord-Trøndelag, il-muniċiptalità ta' Snåsa; fil-kontea ta' Sør-Trøndelag, il-muniċipalitajiet ta' Hemne, Snillfjord, Oppdal, Røros, Holtålen, Tydal; fil-kontea ta' Oppland, il-muniċipalitajiet ta' Dovre, Lesja, Skjåk, Lom, Vågå, Sel, Sør-Aurdal, Etnedal, Nord-Aurdal, Vestre Slidre, Øystre Slidre, Vang; fil-kontea ta' Hedmark, il-muniċipalitajiet ta' Stor-Elvdal, Rendalen, Engerdal, Tolga, Tynset, Alvdal, Folldal, Os.

(6) Din iż-Żona tinkludi: fil-kontea ta' Troms, il-muniċipalitajiet mhux inklużi fost dawk elenkati aktar 'l isfel taħt iż-Żona V; fil-kontea ta' Nordland, il-muniċipalitajiet tal-kontea ta' Nord-Trøndelag, il-muniċipalitajiet ta' Namsos, Namdalseid, Lierne, Røyrvik, Namsskogan, Grong, Høylandet, Overhalla, Fosnes, Flatanger, Vikna, Nærøy, Leka; fil-kontwa ta' Sør-Trøndelag, il-muniċipalitajiet ta' Hitra, Frøya, Åfjord, Roan, Osen; fil-kontea ta' Møre og Romsdal, il-muniċipalità ta' Smøla.

(7) Din iż-Żona tinludi: fil-kontea ta' Finnmark, il-muniċipalitajiet kollha; fil-kontea ta' Troms, il-muniċipalitajiet ta' Karlsøy, Lyngen, Storfjord, Kåfjord, Skjervøy, Nordreisa u Kvænangen.

(8) Id-Deċiżjoni Nru 246/97/COL.

(9) Id-Deċiżjoni Nru 165/98/COL.

(10) Minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ iż-ŻEE.

Fit-2 ta' Settembru 1998, skond l-Artikolu 36(1) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-awtoritajiet Norveġiżi fetħu kawża quddiem il-Qorti ta' l-EFTA fejn talbu l-annullament tad-Deċiżjoni tat-2 ta' Lulju 1998.

Fl-20 ta' Mejju 1999 [1] il-Qorti ċaħdet l-applikazzjoni għall-annullament u sostniet id-deċiżjoni ta' l-Awtorità. Il-Qorti kkonfermat li s-sistema tal-kontribuzzjonijiet iddivrenzjati tas-sigurtà soċjali kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

Sabiex ikun hemm konformità mad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tat-2 ta' Lulju 1998, l-awtoritajiet Norveġiżi ppropponew regolamenti ġodda dwar kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati. Fit-22 ta' Settembru 1999, l-Awtorità approvat ir-regolamenti l-ġodda għal perjodu limitat ta' żmien, li ma kienx imur lilhinn mill-31 ta' Diċembru 2003 [2].

Fil-21 ta' Diċembru 2000, il-Kummissjoni Ewropea ħadet deċiżjoni negattiva dwar skema ta' għajnuna ta' kontribuzzjonijiet mnaqqsa tas-sigurtà soċjali notifikata lill-Iżvezja [3]. Fid-deċiżjoni, permezz ta' ittra li kienet iġġib id-data tas-27 ta' Lulju 2000, il-Kummissjoni osservat li n-Norveġja mhux biss ressqet kummenti dwar id-deċiżjoni sabiex tinbeda l-proċedura rigward il-każ Żvediż imma anki kkonfermat li kienet topera skema simili.

Fid-dawl tad-deċiżjoni Żvediża, minn dak iż-żmien 'il quddiem is-sistema Norveġiża kienet diskussa f'diversi laqgħat bejn l-awtoritajiet Norveġiżi u l-Awtorità, kif ukoll bejn l-Awtorità u l-Kummissjoni Ewropea. Minħabba s-similaritajiet bejn l-iskema Norveġiża u dik Żvediża u sabiex fiż-ŻEE jkunu żgurati l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd, l-Awtorità qieset li kien meħtieġ li tiġi eżaminata l-kompatibbiltà ta' l-iskema Norveġiża u tat bidu għal reviżjoni formali tas-sistema Norveġiża permezz ta' ittra lill-awtoritajiet Norveġiżi li kienet iġġib id-data ta' l-4 ta' Ġunju 2002 (Dok. Nru: 02-4189 D).

Fid-Deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Settembru 2002 [4], l-Awtorità kkonkludiet li l-iskema tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati ma kinitx tikkwalifika għad-deroga provduta skond l-Artikolu 61(3)(ċ) tal-Ftehim taż-ŻEE u pproponiet l-adozzjoni ta' miżuri xierqa li jitolbu l-eliminazzjoni ta' kwalunkwe għajnuna inkompatibbli involuta fis-sistema jew li jagħmluha kompatibbli b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2004.

B'ittra mill-Missjoni tan-Norveġja lill-Unjoni Ewropea, li ġġib id-data tad-29 ta' Ottubru 2002, li l-Awtorità rċeviet u rreġistrat fil-31 ta' Ottubru 2002 (Dok. Nru: 02-7855 A), l-awtoritajiet Norveġiżi aċċettaw il-miżuri xierqa.

F'Marzu 2003, l-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw lill-Awtorità b'perjodu tranżitorju ta' tliet snin, mill-2004 sa l-2007, għall-aġġustament progressiv tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali applikabbli fiż-Żoni 3 u 4 (Dok. Nru: 03-1846 A). Skond in-notifika, ir-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandhom ikunu kif ġej [5]:

*Tabella 1*

| | Rati 2003 | Rati 2004 | Rati 2005 | Rati 2006 | Rati 2007 |
|---|---|---|---|---|---|
| Żona 1 | 14,1 | 14,1 | 14,1 | 14,1 | 14,1 |
| Żona 2 | 10,6 | 14,1 | 14,1 | 14,1 | 14,1 |
| Żona 3 | 6,4 | 8,3 | 10,2 | 12,1 | 14,1 |
| Żona 4 | 5,1 | 7,3 | 9,5 | 11,7 | 14,1 |

B'ittra li kienet iġġib id-data tal-15 ta' April 2003 (Dok. Nru: 03-2467 A), l-awtoritajiet Norveġiżi kienu nnotifikaw ukoll kontinwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati f'Nord-Troms u f'Finnmark (Żona 5). Madankollu, din in-notifika kienet irtirata b'ittra mill-Ambaxxatur Norveġiż lill-Unjoni Ewropea li kienet iġġib id-data ta' l-4 ta' Lulju 2003 (Dok. Nru: 03-4403 A) peress li l-Istati ta' l-EFTA, bi ftehim komuni fil-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA fl-1 ta' Lulju 2003 (Nru 2/2003/SC), u b'referenza għall-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, kienu ddeċidew li l-iskema preżenti fiż-Żona 5 kienet kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali f'din iż-żona.

Wara l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali permezz ta' deċiżjoni li kienet iġġib id-data tas-16 ta' Lulju 2003 [6] u skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-EFTA fil-Kawża E-6/98 [7], l-Awtorità kkonkludiet li r-rati mnaqqsa tal-kontibuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fiż-Żoni 2, 3 u 4 kienu jammontaw għal żburżjar ta' għajnuna. Madankollu, l-Awtorità awtorizzat il-perjodu tranżitorju notifikat ta' tliet snin għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati fiż-Żoni 3 u 4 bid-Deċiżjoni Nru 218/03/COL tat-12 ta' Novembru 2003. F'din id-deċiżjoni, l-Awtorità nnotat li mingħajr perjodu tranżitorju, iż-żjieda fil-pagamenti tas-sigurtà soċjali kienu jwasslu għal effetti avversi fuq l-impjiegi. L-Awtorità osservat li t-tneħħija gradwali ta' rati fiskali diverenzjati tul perjodu ta' tliet snin kienet tfisser li ż-żjieda annwali fl-ispejjeż għall-intapriżi kienet tinfirex fuq il-perjodu kollu. Bil-kontra, abolizzjoni immedjata tas-sistema kurrenti kienet timplika xokk fl-ispejjeż għall-intrapriżi kkonċernati. Perjodu tranżitorju xieraq kien jidher rakkomandabbli sabiex jittaffew l-effetti ta' xokk u biex l-intrapriżi jingħataw iż-żmien ħalli jaġġustaw irwieħhom għall-ambjent ekonomiku l-ġdid.

(1) Kawża E-6/98 *Il-Gvern tan-Norveġja* vs *L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA* [1999] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA, paġna 76.
(2) Id-Deċiżjoni Nru 228/99/COL.
(3) Ippubblikata fil-ĠU L 244 ta' l-14 ta' Settembru 2001, paġna 32.
(4) Id-Deċiżjoni Nru 172/02/COL.
(5) L-intrapriżi f'ċerti setturi ekonomiċi kieku jħallasu r-rata sħiħa ta' 14,1 % kif diġà għamlu skond l-iskema approvata permezz tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tat-22 ta' Settembru 1999. L-awtoritajiet Norveġiżi informaw ukoll lill-Awtorità dwar il-ħsieb tagħhom li jkomplu japplikaw ir-rati għall-2003 sakemm dak ikun kompatibbli mar-regola *de minimis*.
(6) Id-Deċiżjoni Nru 141/03/COL.
(7) Kawża E-6/98 *Il-Gvern tan-Norveġja* vs *L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA* [1999] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA, paġna 76.

(b) *Deskrizzjoni tal-miżura kurrentement notifikata għar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għal ċerti setturi ekonomiċi*

1. Deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura

F'April 2004, l-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw lill-Awtorità l-ħsieb tagħhom li, mill-1 ta' Jannar 2005 'il quddiem u għal perjodu indefinit ta' żmien, japplikaw ir-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati li kien hemm sa tmiem l-2003 fiż-Żoni 1, 2, 3 u 4 għal ċerti setturi ekonomiċi. Dawn ir-rati qed jintwerew fit-Tabella 1 t'aktar 'il fuq għas-sena 2003. Iż-Żona 5 nżammet barra min-notifika peress li, skond id-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati EFTA Nru 2/2003/SC ta' l-1 ta' Lulju 2003, ir-rata applikabbli hemmhekk hija ta' żero.

Il-miżura notifikata se tkun applikabbli biss għal ċerti setturi ekonomiċi li, skond l-awtoritajiet Norveġiżi, ma jiġux esposti għall-kompetizzjoni minn intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE. L-awtoritajiet Norveġiżi allegaw li ma kien hemm l-ebda effett fuq in-negozju fis-setturi ekonomiċi li jibbenefikaw mill-applikazzjoni maħsuba tar-rati mnaqqsa tas-sigurtà soċjali. Għalhekk, l-awtoritajiet Norveġiżi qiesu li l-miżura notifikata ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

L-Awtoritajiet Norveġiżi vvalutaw l-espożizzjoni għall-kompetizzjoni fuq il-bażi ta' rapport ekonomiku preparat mid-ditta indipendenti ta' konsulenza ECON b'kooperazzjoni mad-ditta legali Norveġiża (li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ: "ir-rapport ta' l-ECON"). Il-lista li ġejja ta' setturi li suppost ma jiġux affetwati mill-kompetizzjoni minn intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE u għaldaqstant li huma koperti mill-miżura notifikata kienet ippreparata fuq il-bażi tal-valutazzjoni preżentata fir-rapport ta' l-ECON:

*Tabella 2*

| Il-Kodiċi NACE (*) | Żona 2 | Żona 3 | Żona 4 |
|---|---|---|---|
| 01.300 It-tkabbir ta' l-uċuħ tar-raba' flimkien mat-trobbija ta' l-annimali għal skopijiet kummerċjali (biedja mħallta) | m.a. (**) | m.a. | 0 |
| 22.120 Il-pubblikazzjoni tal-gazzetti | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 22.210 L-istampar tal-gazzetti | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 35.111 Il-bini u t-tiswija tal-bastimenti u tal-bwieq ta' aktar minn 100 g.r.tunnellata | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 35.113 Il-bini u t-tiswija tal-bastimenti ta' inqas minn 100 g.r.tunnellata | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 40.120 It-trażmissjoni ta' l-elettriku | 0 | 0 | 0 |
| 45.110 Id-demolizzjoni u t-tifrik tal-bini; iċ-ċaqliq tal-ħamrija | 0 | 0 | 0 |
| 45.212 Il-kostruzzjoni ġenerali tax-xogħlijiet ta' inġinerija ċivili | 0 | 0 | 0 |
| 45.221 Ix-xogħol ta' landar | m.a. | m.a. | 0 |
| 45.229 Twaqqif ieħor ta' għata u oqfsa għas-soqfa | m.a. | m.a. | 0 |
| 45.230 Il-kostruzzjoni ta' l-awtostradi, tat-toroq, ta' l-imtajar u tal-faċilitajiet sportivi | 0 | 0 | 0 |
| 45.240 Il-kostruzzjoni tal-proġetti ta' l-ilma | 0 | m.a. | m.a. |
| 45.250 Xogħol ieħor ta' kostruzzjoni li jinvolvi snajja' speċjali | 0 | 0 | 0 |
| 45.310 L-installazzjoni tal-wajers u tat-tagħmir ta' l-elettriku | 0 | 0 | 0 |
| 45.320 L-attivitajiet tax-xogħol ta' iżolazzjoni | m.a. | m.a. | 0 |
| 45.330 Il-plaming | 0 | 0 | 0 |
| 45.340 Installazzjonijiet oħra tal-bini | 0 | m.a. | 0 |
| 45.442 L-igglejżjar | m.a. | m.a. | 0 |
| 45.450 Ikkompletar ieħor tal-bini | 0 | m.a. | 0 |
| 45.500 Il-kiri tat-tagħmir ta' kostruzzjoni jew ta' demolizzjoni flimkien ma' operatur | m.a. | 0 | 0 |
| 50.200 Il-manutenzjoni u t-tiswija tal-vetturi bil-mutur | 0 | 0 | 0 |
| 50.301 Il-bejgħ b'kummissjoni u bl-ingrossa tal-vetturi bil-mutur, tal-partijiet minn u ta' l-aċċessorji ta' vetturi bil-mutur | 0 | m.a. | 0 |
| 50.302 Il-bejgħ bl-imnut tal-partijiet u ta' l-aċċessorji ta' vetturi bil-mutur | 0 | 0 | 0 |

| Il-Kodiċi NACE (*) | Żona 2 | Żona 3 | Żona 4 |
|---|---|---|---|
| 50.500 Il-bejgħ bl-imnut tal-fjuwil għall-karozzi | 0 | 0 | 0 |
| 51.170 L-aġenti involuti fil-bejgħ ta' l-ikel, tax-xorb u tat-tabakk | m.a. | m.a. | 0/2 |
| 51.180 L-aġenti li jispeċjalizzaw fil-bejgħ ta' prodotti jew ta' gammi ta' prodotti partikolari mhux ikklassifikati band'oħra. | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.210 Il-bejgħ bl-ingrossa tal-qmuħ, taż-żrieragħ u ta' l-ikel għall-annimali | 0 | 0 | 0 |
| 51.220 Il-bejgħ bl-ingrossa tal-fjuri u tal-pjanti | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.389 Il-bejgħ bl-ingrossa tal-molluski mhux ikklassifikati band'oħra | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.390 Il-bejgħ bl-ingrossa mhux speċjalizzat ta' l-ikel, tax-xorb u tat-tabakk | m.a. | 0 | 0 |
| 51.421 Il-bejgħ bl-ingrossa ta' l-ilbies | 0 | 0 | 0 |
| 51.434 Il-bejgħ bl-ingrossa tad-diski tal-grammofonu, tat-tejps, tas-CDs, tad-DVDs u tal-vidjos | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.460 Il-bejgħ bl-ingrossa tal-prodotti farmaċewtiċi | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.477 Il-bejgħ bl-ingrossa ta' l-oġġetti sportivi, tal-logħob u tal-ġugarelli | 0 | m.a. | m.a. |
| 51.479 Il-bejgħ bl-ingrossa ta' l-oġġetti tad-dar u ta' l-oġġetti personali mhux ikklassfikati band'oħra | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.520 Il-bejgħ bl-ingrossa tal-metalli u tal-metalli mhux maħduma | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.532 Il-bejgħ bl-ingrossa ta' l-injam | 0 | 0 | 0 |
| 51.533 Il-bejgħ bl-ingrossa taż-żebgħa u tal-verniċ | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.539 Il-bejgħ bl-ingrossa tal-materjali ta' kostruzzjoni mhux ikklassifikati band'oħra | 0 | m.a. | 0 |
| 51.561 Il-bejgħ bl-ingrossa tal-karti u tal-kartun | 0 | m.a. | 0 |
| 51.840 Il-bejgħ bl-ingrossa tal-kompjuters, tat-tagħmir periferali tal-kompjuters u tas-softwer | 0 | 0 | 0 |
| 51.850 Il-bejgħ bl-ingrossa ta' makkinarju u ta' tagħmir ieħor għall-uffiċċju | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.872 Il-bejgħ bl-ingrossa tat-tagħmir għall-bastimenti u tat-tagħmir għas-sajd | m.a. | m.a. | 0 |
| 51.900 Bejgħ bl-ingrossa ieħor | 0 | 0 | 0 |
| 52.110 Il-bejgħ bl-imnut fi ħwienet mhux speċjalizzati fejn jippredomina l-ikel, ix-xorb jew it-tabakk | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 52.120 Bejgħ bl-imnut ieħor fi ħwienet mhux speċjalizzati | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 52.220 Il-bejgħ bl-imnut tal-laħam u tal-prodotti tal-laħam | 0 | m.a. | m.a. |
| 52.230 Il-bejgħ bl-imnut tal-ħut, tal-krustaċji u tal-molluski | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.241 Il-bejgħ bl-imnut tal-ħobż, tal-kejkijiet u tal-ħelu li jsir bid-dqiq | 0 | m.a. | 0 |
| 52.271 Il-bejgħ bl-imnut ta' l-ikel tajjeb għas-saħħa | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.279 Il-bejgħ bl-imnut ta' l-ikel, tax-xorb u tat-tabakk fi ħwienet speċjalizzati mhux ikklassifikati band'oħra | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.310 L-ispiżjara | 0 | 0 | 0 |
| 52.330 Il-bejgħ bl-imnut ta' l-oġġetti kożmetiċi u ta' l-oġġetti tat-twaletta | m.a. | m.a. | 0 |

| Il-Kodiċi NACE (*) | Żona 2 | Żona 3 | Żona 4 |
|---|---|---|---|
| 52.410 Il-bejgħ bl-imnut tat-tessuti | 0 | 0 | 0 |
| 52.420 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-ilbies | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 52.431 Il-bejgħ bl-imnut ta’ xdud is-saqajn | 0 | 0 | 0 |
| 52.441 Il-bejgħ bl-imnut tat-tagħmir tad-dawl | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.442 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-oġġetti tal-porċellana u tal-ħġieġ | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.443 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-għamara | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 52.449 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-oġġetti tad-dar li ma jaħdmux bl-elettriku mhux ikklassifikati band’oħra | m.a. | 0 | 0 |
| 52.451 Il-bejgħ bl-imnut tat-tagħmir elettriku tad-dar u ta’ l-oġġetti tar-radju u tat-televiżjoni | 0 | 0 | 0 |
| 52.453 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-istrumenti mużikali u tal-kjavi mużikali | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.461 Il-bejgħ bl-imnut ta’ gamma ta’ għodod, żebgħa u ħġieġ | 0/2 | 0/2 | 0/2 |
| 52.463 Il-bejgħ bl-imnut taż-żebgħa u tal-verniċ | 0 | 0 | m.a. |
| 52.464 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-injam | m.a. | m.a. | 0/2 |
| 52.469 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-għodod, taż-żebgħa u tal-ħġieġ mhux ikklassifikati band’oħra | m.a. | 0 | 0 |
| 52.481 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-arloġġi, ta’ l-oġġetti fotografiċi u ottiċi | m.a. | 0 | 0 |
| 52.482 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-oġġetti tad-deheb u tal-fidda | m.a. | 0 | 0 |
| 52.483 Il-bejgħ bl-imnut ta’ l-oġġetti sportivi, tal-logħob u talġugarelli | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.484 Il-bejgħ bl-imnut tal-fjuri u tal-pjanti | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.485 Il-bejgħ bl-imnut tal-kompjuters, tat-tagħmir ta’ l-uffiċċju u ta’ telekomunikazzjoni | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.489 Il-bejgħ bl-imnut fi ħwienet speċjalizzati mhux ikklassfikat band’oħra | m.a. | 0 | 0 |
| 52.612 Il-bejgħ bl-imnut tat-tessuti, ta’ l-ilbies, ta’ xdud is-saqajn, ta’ l-aċċessorji għall-ivvjaġġar u ta’ l-oġġetti tal-ġilda permezz tal-postijiet għall-ordnijiet bil-posta | 0 | m.a. | m.a. |
| 52.619 Bejgħ ieħor bl-imnut ta’ taħlita speċjalizzata ta’ oġġetti permezz tal-postijiet għall-ordnijiet bil-posta | 0 | m.a. | 0 |
| 52.630 Bejgħ bl-imnut ieħor mhux mill-ħwienet | m.a. | m.a. | 0 |
| 52.720 It-tiwsija tat-tagħmir elettriku tad-dar | m.a. | m.a. | 0 |
| 55.301 L-operat tar-restoranti u tal-kafes | 0 | 0 | 0 |
| 55.302 L-operat tas-*snack bars*, tas-*salad bars* u tad-*dog bars* | m.a. | 0 | 0 |
| 55.401 Il-pabbs | 0 | 0 | 0 |
| 55.510 Il-kantins | 0 | m.a. | 0 |
| 55.520 Il-forniment ta’ l-ikel | 0 | m.a. | 0 |
| 60.220 L-operat tat-taksis | m.a. | 0 | 0 |
| 63.110 L-immaniġġjar tat-tagħbijiet tal-merkanzija | 0 | m.a. | 0 |
| 63.120 Il-ħażna u l-magażinaġġ | m.a. | m.a. | 0 |

| Il-Kodiċi NACE (*) | Żona 2 | Żona 3 | Żona 4 |
|---|---|---|---|
| 63.211 L-aġenziji ċentrali għall-akkwist tal-merkanzija u tat-trasport | 0 | 0 | 0 |
| 63.212 Il-postijiet tal-parkeġġ u l-imkejjen tal-parkeġġ | m.a. | m.a. | 0 |
| 63.213 L-istazzjonijiet fejn ikun hemm żbarra li twaqqaf id-dgħajjes li jkunu għaddejjin fuq il-kanal biex jitħallas in-noll (*toll bar stations*) | m.a. | m.a. | 0 |
| 63.219 Servizzi oħra assoċjati mat-trasport fuq l-art | 0 | 0 | 0 |
| 63.221 L-operat tal-portijiet | m.a. | m.a. | 0 |
| 63.229 Attivitajiet oħra ta' appoġġ għat-trasport fuq l-ilma | m.a. | m.a. | 0 |
| 63.230 Attivitajiet oħra ta' appoġġ għat-trasport fl-ajru | 0 | 0 | 0 |
| 63.302 L-uffiċċji turistiċi | m.a. | 0 | 0 |
| 63.401 Is-servizzi tal-bgħit tal-merkanzija | 0 | 0 | 0 |
| 63.409 Servizzi ta' bgħit oħra | m.a. | m.a. | 0 |
| 64.110 L-attivitajiet tal-posta nazzjonali | 0 | 0 | 0 |
| 64.120 L-attivitajiet ta' kurjer għajr l-attivitajiet tal-posta nazzjonali | m.a. | 0 | 0 |
| 64.210 It-trasportaturi fissi tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni | 0 | m.a. | 0 |
| 64.220 It-trasportaturi mobbli tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni | 0 | m.a. | 0 |
| 64.230 Il-forrnituri tas-servizz ta' l-Internet | m.a. | m.a. | 0 |
| 64.240 Attivitajiet oħra ta' telekomunikazzjoni | m.a. | m.a. | 0 |
| 65.120 Intermedjazzjoni monetarja oħra | 0 | 0 | 0 |
| 65.220 Għoti ta' kreditu ieħor | 0 | m.a. | 0 |
| 65.239 Ġestjoni tas-sikurezza oħra | m.a. | m.a. | 0 |
| 66.010 L-assigurazzjoni fuq il-ħajja | m.a. | m.a. | 0 |
| 66.030 L-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja | 0 | 0 | 0 |
| 67.130 L-attivitajiet awżiljarji għall-intermedjazzjoni finanzjarja | m.a. | m.a. | 0 |
| 67.200 L-attivitajiet awżiljarji għall-finanazjament ta' l-assigurazzjonijiet u tal-pensjonijiet | m.a. | 0 | 0 |
| 70.111 Il-kooperattivi għall-bini tad-djar | m.a. | m.a. | 0 |
| 70.112 Żvilupp u bejgħ oħra tal-proprjetà ieħor | m.a. | m.a. | 0 |
| 70.120 Ix-xiri u l-bejgħ tal-proprjetà personali | m.a. | 0 | 0 |
| 70.202 Kiri ieħor tal-proprjetà personali | 0 | 0 | 0 |
| 70.310 L-aġenziji tal-proprjetà | m.a. | m.a. | 0 |
| 70.321 Il-ġestjoni tal-proprjetà fuq bażi ta' ħlas jew ta' kuntratt | m.a. | 0 | 0 |
| 70.322 Is-servizzi ta' kertejker | m.a. | m.a. | 0 |
| 71.110 Il-kiri tal-karozzi | m.a. | m.a. | 0 |
| 71.320 Il-kiri tal-makkinarju u tat-tagħmir ta' kostruzzjoni u ta' inġinerija ċivili | m.a. | m.a. | 0 |

| Il-Kodiċi NACE (*) | Żona 2 | Żona 3 | Żona 4 |
|---|---|---|---|
| 71.340 Il-kiri ta' makkinarju u ta' tagħmir ieħor mhux ikklassifikat band'oħra | m.a. | m.a. | 0 |
| 71.400 Il-kiri ta' l-oġġetti personali u tad-dar mhux ikklassifikati band'oħra | 0 | m.a. | 0 |
| 72.500 Il-manutenzjoni u t-tiwsija tal-makkinarju ta' l-uffiċċju, tal-kontabilità u ta' l-għadd | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.110 L-attivitajiet legali | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.121 Il-kontabilità, iż-żamma tal-kotba | 0 | 0 | 0 |
| 74.122 Il-verifika finanzjarja | 0 | 0 | 0 |
| 74.130 Ir-riċerka fis-suq u l-istħarriġ ta' l-opinjoni pubblika | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.140 L-attivitajiet ta' konsulenza għan-negozji u għall-ġestjoni | 0 | m.a. | 0 |
| 74.203 Il-perizja ġeoloġika | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.300 L-ittestjar u l-analiżi tekniċi | 0 | 0 | 0 |
| 74.400 Ir-reklamar | 0 | m.a. | 0 |
| 74.501 Ir-reklutaġġ għax-xogħol tal-persunal | 0 | 0 | 0 |
| 74.600 L-attivitajiet ta' investigazzjoni u ta' sikurezza | 0 | 0 | 0 |
| 74.700 It-tindif industrijali | 0 | 0 | 0 |
| 74.810 L-attivitajiet fotografiċi | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.820 L-attivitajiet ta' ppakkjar | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.851 L-attivitajiet segretarjali | m.a. | 0 | 0 |
| 74.852 L-attivitajiet ta' traduzzjoni | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.871 Il-ġbir tal-flus, l-attivitajiet ta' l-għoti ta' kreditu | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.877 L-attivitajiet ta' l-organizzaturi tal-fieri, ta' l-esibizzjonijiet u tal-kungressi | m.a. | m.a. | 0 |
| 74.879 Attivitajiet oħra ta' negozju mhux ikklassifikati band'oħra | 0 | 0 | 0 |
| 75.110 L-attivitajiet ġenerali tas-servizz pubbliku | 0 | 0 | 0 |
| 75.120 Ir-regolamentazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-aġenziji li jipprovdu servizzi ta' kura tas-saħħa, servizzi edukattivi, servizzi kulturali u servizzi soċjali oħra, ħlief is-sigurtà soċjali | 0 | 0 | 0 |
| 75.130 Ir-regolamentazzjoni ta' u l-kontribuzzjoni għal operat aktar effiċjenti tan-negozju | 0 | 0 | 0 |
| 75.140 L-attivitajiet ta' servizzi ta' appoġġ għall-gvern kollu | 0 | m.a. | 0 |
| 75.220 L-attivitajiet tad-difiża | 0 | 0 | 0 |
| 75.230 Il-ġustizzja u l-attivitajiet ġudizzjarji | 0 | 0 | 0 |
| 75.240 L-attivitajiet ta' sikurezza pubblika, tal-liġi pubblika u ta' l-ordni pubblika | 0 | 0 | 0 |
| 75.250 L-attivitajiet tat-tifi tan-nar | 0 | 0 | 0 |
| 75.300 L-attivitajiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali | 0 | 0 | 0 |
| 80.102 L-edukazzjoni primarja u l-edukazzjoni sekondarja (*lower secondary education*) | 0 | 0 | 0 |

| Il-Kodiċi NACE (*) | Żona 2 | Żona 3 | Żona 4 |
|---|---|---|---|
| 80.103 L-edukazzjoni speċjalizzata għall-persuni b'diżabilità | 0 | 0 | 0 |
| 80.210 L-edukazzjoni sekondarja ġenerali | 0 | 0 | 0 |
| 80.309 L-edukazzjoni f'kulleġġi oħra | m.a. | m.a. | 0/2 |
| 80.410 L-attivitajiet ta' l-iskejjel tas-sewqan | m.a. | m.a. | 0 |
| 80.421 L-edukazzjoni sekondarja fl-iskejjel tal-poplu (*folk high school education*) | 0 | 0 | 0 |
| 80.423 L-attivitajiet ta' l-assoċjazzjonijiet ta' l-edukazzjoni għall-adulti | m.a. | 0 | 0 |
| 80.424 L-attivitajiet ta' l-iskejjel muniċipali tal-mużika | m.a. | 0 | 0 |
| 80.429 Edukazzjoni oħra | 0 | 0 | 0 |
| 85.114 L-istituzzjonijiet ta' riabilitazzjoni | 0 | 0 | 0 |
| 85.116 L-isptarijiet tas-saħħa mentali għall-adulti | 0 | 0 | m.a. |
| 85.118 Id-djar tal-kura | 0 | 0 | 0 |
| 85.121 It-tobba tal-familja | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.122 It-tobba, l-ispeċjalisti għajr il-psikjatri | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.130 L-attivitajiet tad-dentistrija | 0 | 0 | 0 |
| 85.142 Is-servizzi tal-fiżjoterapija | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.143 Is-servizzi sanitarji fl-iskejjel, il-kura ta' saħħet l-ommijiet u t-tfal | 0 | m.a. | m.a. |
| 85.144 Kura tas-saħħa preventiva oħra | m.a. | 0 | 0 |
| 85.147 Is-servizzi ta' l-ambulanzi | 0 | 0 | 0 |
| 85.149 Attivitajiet sanitarji oħra | 0 | 0 | 0 |
| 85.200 L-attivitajiet veterinarji | 0 | 0 | 0 |
| 85.311 L-istituzzjonijiet għall-benesseri tat-tfal | 0 | m.a. | m.a. |
| 85.312 L-istituzzjonijiet għall-alkoħoliċi u għad-drogati | 0 | 0 | 0 |
| 85.319 Istituzzjonijiet oħra tal-kura soċjali | m.a. | 0 | 0 |
| 85.321 Is-servizzi ta' l-għajnuna fid-djar | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.322 Id-djar b'akkomodazzjoni għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.323 Is-servizzi għall-benesseri tat-tfal | 0 | m.a. | 0 |
| 85.324 Is-servizzi tal-benesseri soċjali mingħajr l-akkomodazzjoni għall-alkoħoliċi u għad-drogati | m.a. | 0 | 0 |
| 85.325 Is-servizzi ta' pariri għall-familji | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.326 L-attivitajiet ta' l-uffiċċji muniċipali tas-servizzi soċjali | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.327 L-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni u tal-kura tat-tfal iż-żgħar | 0 | 0 | 0 |
| 85.331 Il-kura tat-tfal li għandhom żmien biex imorru l-iskola | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.333 L-attivitajiet tal-kura ta' matul il-jum għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità | m.a. | m.a. | 0 |

| Il-Kodiċi NACE (*) | Żona 2 | Żona 3 | Żona 4 |
|---|---|---|---|
| 85.334 It-taħriġ għall-attivitajiet tax-xogħol għas-suq tax-xogħol ordinarju | 0 | 0 | 0 |
| 85.335 L-attivitajiet ta' xogħol imkenni permanenti | 0 | 0 | 0 |
| 85.336 L-attivitajiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-benesseri soċjali | m.a. | m.a. | 0 |
| 85.337 Iċ-ċentri ta' lqugħ għal dawk li qed ifittxu kenn politiku | 0 | 0 | 0 |
| 85.338 L-impjiegi/it-taħriġ għall-attivitajiet tax-xogħol fid-dipartimenti sanitarji u soċjali muniċipali | 0 | m.a. | m.a. |
| 85.339 Attivitajiet oħra ta' ħidma soċjali mingħajr akkomodazzjoni | m.a. | 0 | m.a. |
| 90.010 Il-ġbir u t-trattament tad-drenaġġ | 0 | m.a. | 0 |
| 90.020 Il-ġbir u t-trattament ta' skart ieħor | 0 | 0 | 0 |
| 91.110 L-attivitajiet ta' l-organizzazzjonijiet tan-negozju u ta' min iħaddem | m.a. | 0 | 0 |
| 91.200 L-attivitajiet tat-trejdjunjins | m.a. | m.a. | 0 |
| 91.310 L-attiviatjiet ta' l-organizzazzjonijiet reliġjużi | 0 | 0 | 0 |
| 91.330 L-attiviatjiet ta' organizzazzjonijiet oħra ta' sħubija mhux ikklassifkati band'oħra | 0 | m.a. | 0 |
| 92.110 Il-produzzjoni tal-films u tal-vidjos | m.a. | m.a. | 0 |
| 92.130 Il-projezzjoni tal-films | m.a. | m.a. | 0 |
| 92.200 L-attivitajiet tar-radju u tat-televiżjoni | 0 | m.a. | 0 |
| 92.320 L-operat tal-faċilitajiet artistiċi | 0 | m.a. | 0 |
| 92.330 L-attivitajiet tal-fieri u tal-parks ta' divertiment | m.a. | m.a. | 0 |
| 92.400 L-attivitajiet ta' l-aġenziji ta' l-aħbarijiet | m.a. | m.a. | 0 |
| 92.510 L-attivitajiet tal-libreriji u ta' l-arkivji | 0 | m.a. | 0 |
| 92.521 L-attivitajiet tal-mużewijiet | 0 | 0 | 0 |
| 92.522 Il-preservazzjoni tas-siti u tal-bini storiċi | m.a. | 0 | 0 |
| 92.610 L-operat ta' l-areni u ta' l-istadji sportivi | 0/2 | 0 | 0 |
| 92.621 Il-klabbs u l-assoċjazzjonijiet sportivi | 0 | 0 | 0 |
| 92.629 Attivitajiet sportivi oħra mhux ikklassifikati band'oħra | m.a. | m.a. | 0 |
| 92.721 Il-kumpaniji ta' l-attivitajiet u ta' l-avventura | m.a. | 0 | m.a. |
| 92.729 Servizzi rikreattivi oħra mhux ikklassifikati band'oħra | 0 | 0 | 0 |
| 93.010 Il-ħasil u t-tindif fix-xott tal-prodotti tessili u tal-fer | 0 | 0 | 0 |
| 93.020 Il-kura tax-xagħar u trattamenti oħra tas-sbuħija | m.a. | 0 | 0 |
| 93.030 L-attivitajiet funerarji u l-attivitajiet relatati | m.a. | m.a. | 0 |
| 93.040 L-attivitajiet għall-benesseri fiżiku | 0 | 0 | 0 |

(*) Il-lista NACE tas-setturi skond il-klassifikazzjoni ta' l-Uffiċċju Norveġiż ta' l-Istatistika.

(**) Fit-tabella, il-figura 0 tindika li skond l-awtoritajiet Norveġiżi mhemm l-ebda effett fuq in-negozju fis-settur rilevanti l-figura 0/2 tindika li whud mill-intrapriżi fis-setturi partikolari fiż-żona effettiva huma esposti għall-kompetizzjoni.
Ir-referenza "m.a" tfisser "mhux applikabbli". Hija tindika li skond riċerka li saret għar-rapport ta' l-ECON, ma kien hemm l-ebda intrapriża attiva fis-settur partikolari li kienet teċċedi l-*limitu de minimis* fiż-żona rilevanti.

Fuq il-bażi tar-rapport ta' l-ECON, l-awtoritajiet Norveġiżi stabbilew il-kriterji li ġejjin sabiex jiddivrenzjaw bejn l-intrapriżi li mhumiex suġġetti għall-kompetizzjoni mill-intarpriżi li jinsabu fi Stati l-oħra taż-ŻEE u dawk l-intrapriżi li jiġu affetwati mill-kompetizzjoni maż-ŻEE kollha, rigward is-setturi ekonomiċi mmarkati bil-figura 0/2:

— ***22.120 u 22.210 NACE: il-pubblikazzjoni u l-istampar tal-gazzetti***

Minħabba l-ilsien, il-kultura u d-distanza, il-pubblikazzjoni u l-istampar tal-gazzetti lokali jitqiesu bħala li joperaw biss fi swieq lokali. Gazzetta titqies bħala lokali sakemm ma tinbiegħx mal-pajjiż kollu.

— ***35.111 u 35.113 NACE: il-bini u t-tiswija tal-bastimenti u tal-bwieq ta' aktar minn 100 tunnellata u ta' inqas minn 100 tunnellata***

Sakemm it-tiswija tikkonċerna bastimenti li jbaħħru fl-ilmijiet Norveġiżi jew li jkunu f'diffikultajiet kbar, it-tarznari partikolari jitqiesu bħala li joperaw lokalment u b'hekk ma jkunux suġġetti għall-kompetizzjoni minn Stati oħra taż-ŻEE.

— ***51.170 NACE: l-aġenti involuti fil-bejgħ ta' l-ikel, tax-xorb u tat-tabakk***

L-awtoritajiet Norveġiżi ma pprovdew l-ebda spjegazzjoni ulterjuri dwar il-kriterji ta' eliġibilità li japplikaw għall-intrapriżi f'dan is-settur. Skond ir-rapport ta' l-ECON, ma kienx possibbli li l-intrapriżi suġġetti għall-kompetizzjoni jiġu separati minn dawk li mhumiex fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli.

— ***52.110 NACE: il-bejgħ bl-imnut fi ħwienet mhux speċjalizzati fejn jippredomina l-ikel, ix-xorb jew it-tabakk***

L-intrapriżi li jinsabu f'distanza ta' aktar minn 150 kilometru mill-kompetituri fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera nazzjonali jitqies li ma jkunux esposti għall-kompetizzjoni minn Stati oħra taż-ŻEE. Skond l-informazzjoni mressqa mill-awtoritajiet Norveġiżi, l-użu ta' distanza kritika ta' 150 km kienet stabbilita billi ġew identifikati l-eqreb kompetituri li kienu jinsabu fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera ta' l-intrapriżi bil-klassifikazzjoni industrijali standard 52.110, il-bejgħ bl-imnut mhux speċjalizzat. Rigward l-intrapriżi li jinsabu f'distanzi differenti mill-eqreb kompetitur fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera tqiesu l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' l-ECON, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li l-probabbiltà li l-intrapriżi li jinsabu aktar minn 150 km minn kompetitur jiġu esposti għall-kompetizzjoni minn intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE hija baxxa. L-awtoritajiet Norveġiżi jirrikonoxxu li jekk hemmx kompetizzjoni effettiva tiddependi mit-taħlita ta' oġġetti offruti.

— ***52.120, 52.420 u 52.443 NACE: bejgħ bl-imnut ieħor fi ħwienet mhux speċjalizzati, il-bejgħ bl-imnut ta' l-ilbies u l-bejgħ bl-imnut ta' l-għamara***

Għalkemm id-distanza mill-kompetituri fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera hija sinifikanti, l-awtoritajiet Norveġiżi jirrikonoxxu li huwa diffiċli li jiġi determinat limitu assolut u deċiżiv bejn l-intrapriżi affetwati min-negozju fiż-ŻEE u dawk li ma jiġux affetwati. Billi l-intrapriżi li jinsabu bejn wieħed u ieħor 200 km minn ċentru tax-xiri relattivament kbir fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera jiġu esposti għall-kompetizzjoni, skond is-sejbiet tar-rapport ta' l-ECON, l-intrapriżi li jinsabu eqreb tal-fruntiera, imma mingħajr ma jkollhom xi ċentru tax-xiri kbir fuq in-naħa l-oħra, ma jiġux esposti għall-kompetizzjoni. Madankollu, skond l-istess valutazzjoni li saret għal 52.110 NACE, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw fin-notifika li distanza ta' 200 km tidher kriterju oġġettiv xieraq sabiex ikun iddeterminat l-effett fuq in-negozju għal dan is-settur.

— ***52.461 u 52.464 NACE: il-bejgħ bl-imnut ta' gamma ta' għodod, żebgħa u ħġieġ u l-bejgħ bl-imnut ta' l-injam***

L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-intrapriżi li jinsabu "*ferm 'il bogħod mill-fruntiera nazzjonali*" ma jiġux esposti għall-kompetizzjoni minn intrapriżi ta' Stati oħra taż-ŻEE. Fuq il-bażi ta'l-informazzjoni provduta, "*ferm 'il bogħod mill-fruntiera nazzjonali*" tfisser li mhux ta' min joqgħod jivvjaġġa 'l hemm u lura f'jum wieħed, fejn id-distanza tiddependi, fost l-oħrajn, fuq l-istandard tat-toroq u fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku. L-intrapriżi li jinsabu fil-kontej ta' Rogaland, Hordaland, Sogn og Fjordane u Møre og Romsdal jistgħu jibbenefikaw minn rati mnaqqsa tas-sigurtà soċjali peress li ma jiġux esposti għall-kompetizzjoni minn Stati oħra taż-ŻEE. L-intrapriżi f'pajjiżi oħra huma esklużi.

— ***80.309 NACE: l-edukazzjoni f'kulleġġi oħra***

In-notifika tkopri biss il-korsijiet ta' l-edukazzjoni għall-adulti li għaldaqstant ma jitqiesx li jiġu affetwati min-negozju. Safejn għandha x'taqsam l-edukazzjoni fuq il-livell tal-kulleġġi u ta' l-università, l-awtoritajiet Norveġiżi indikaw il-figura 2 li jfisser li l-attività konċernata tiġi esposta għall-kompetizzjoni.

— ***92.610 NACE: l-operat ta' l-areni u ta' l-istadji sportivi***

Klabb atletiku jitqies bħala lokali meta ma jipparteċipax fl-ogħla diviżjoni fil-fergħa tiegħu ta' l-atletika. Installazzjonijiet sportivi oħra jitqiesu bħala lokali meta jintużaw prinċipalment minn klabbs lokali, mill-popolazzjoni lokali fil-muniċipalità u mill-viżitaturi f'mawriet ta' jum, fejn ma jkun hemm l-ebda offerta kompetittiva fi Stati oħra taż-ŻEE.

2. Il-metodu li ntuża għall-għażla ta' l-intrapriżi koperti mill-miżura notifikata tar-rati reġjonalment iddivrenzjati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali

Il-miżura notifikata tkopri numru ta' setturi ekonomiċi li ġew identifikati fir-rapport ta' l-ECON kif ġew elenkati aktar 'il fuq. Ir-rapport ta' l-ECON kien ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-kollegamenti ("*konkurranseflater*") bejn l-intrapriżi li jinsabu fiż-Żoni 2, 3 u 4 fin-Norveġja u dawk fi Stati oħra taż-ŻEE. Kien jinkludi lista ta' setturi li suppost ma ġewx affetwati mill-kompetizzjoni minn Stati oħra taż-ŻEE.

Għas-settur tal-manifattura, il-lista tas-setturi ekonomiċi li ma ġewx affetwati mill-kompetizzjoni minn Stati oħra taż-ŻEE kienet ippreparata fuq il-bażi tad-*data* reġjonali dwar il-figuri ta' l-esportazzjoni u ta'l-importazzjoni għaż-żoni rilevanti provduti mill-i*Statistics Norway*. Kif spjegaw l-awtoritajiet Norveġiżi fl-ittra li kienet iġġib id-data tat-12 ta' Novembru 2004, l-okkorrenza ta' negozju dirett fi kważi s-setturi kollha tal-manifattura (15 NACE sa 37 NACE) wasslet lill-ECON biex tikkonkludi li prattikament dawn is-setturi kollha jistgħu jiġu affetwati mill-kompetizzjoni minn intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE. L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw ukoll li xi setturi ferm ftit fin-numru (il-pubblikazzjoni u l-istampar tal-gazzetti, il-bini tal-bastimenti) madankollu tqies li joperaw fi swieq lokali biss fuq il-bażi tan-natura u tal-karatteristiċi ta' dawn is-sotto-setturi u mhux fuq analiżi ta' l-importazzjonijiet/esportazzjonijiet.

Rigward l-intrapriżi fis-settur tas-servizzi (50 NACE sa 99 NACE), l-espożizzjoni għall-kompetizjoni kienet prinċipalment eżaminata fuq il-bażi ta' l-għarfien tas-sitwazzjoni tas-swieq fis-setturi differenti tal-kummerċ u fuq taħdidiet ma' grupp magħżul ta' intrapriżi fiż-Żoni 2, 3 u 4 fin-Norveġja.

La hemm referenza espliċita għall-metodu segwit biex tkun iddeterminata l-espożizzjoni tal-kompetizzjoni fil-provvista ta' l-elettriku, tal-gass u ta' l-ilma (40 NACE) u lanqas fis-settur tal-kostruzzjoni (45 NACE), għalkemm fin-notifika ġew inklużi numru kbir ta' sotto-setturi tal-kostruzzjoni.

Skond ir-rapport ta' l-ECON, l-attivitaijiet purament lokali ma ġewx affetwati min-negozju fiż-ŻEE. Sabiex tkun ikklassifikata bħala attività purament lokali fit-termini tar-rapport ta' l-ECON, is-settur ekonomiku rilevanti f'qasam partikolari kellu jissodisfa żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: L-intarpriżi fis-settur partikolari ma jipparteċipawx f'attivitajiet transkonfinali u l-attività speċifika li tinsab fir-reġjun effettiv ma tkunx kapaċi tiġbed klijenti minn lokalità oħra.

Ir-rapport jiddikjara li l-identifikazzjoni tal-kollegamenti tal-kompetizzjoni tista' tintuża sabiex tkun ippreparata proposta għal regoli li jkomplu, sakemm ikun possibbli, l-iskema l-antika tar-rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għas-setturi ekonomiċi li mhumiex f'kompetizzjoni fiż-ŻEE ([1]). Madankollu, ir-rapport ta' l-ECON ma fih l-ebda proposta għal regoli kif normalment ikun il-każ għal skema ta' għajnuna u fin-notifika lanqas ma saret proposta bħal din.

Fl-introduzzjoni għar-rapport, l-ECON iddikjarat li ma kienx hemm biżżejjed żmien jew riżorsi sabiex titwettaq analiżi bir-reqqa tar-relazzjonijiet kompetittivi fis-setturi ekonomiċi kollha li ġew koperti mir-rapport, u li dan jista' jwassal kemm għal sottostimi kif ukoll għal soprastimi tal-kompetizzjoni ma' intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE ([2]). Madankollu, l-ECON kienet tal-fehma li minn dak li jirriżulta mir-rapport, wieħed jista' jkollu stampa raġonevoli tal-kompetizzjoni bejn l-intrapriżi fiż-ŻEE.

3. **It-tħassib fid-deċiżjoni tal-ftuħ**

Fis-6 ta' Ottubru 2004, l-Awtorità ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fuq il-proposta għal rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għal ċerti setturi ekonomiċi. L-Awtorità qieset li l-applikazzjoni proposta tar-rati mnaqqsa tas-sigurtà soċjali fiż-Żoni 2, 3 u 4 kienu jkopru firxa ferm wiesgħa ta' setturi ekonomiċi u ta' intrapriżi. Il-miżura notifikata sa ċertu punt kienet tirrepeti l-iskema preċedenti ta' rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati u mnaqqsa, li l-Awtorità kienet iddikjarataha għajnuna inkompatibbli ([3]).

Id-differenza ewlenija bejn l-iskema valutata preċedentement u l-miżura notifikata kurrentement hija tnaqqis fin-numru ta' setturi ekonomiċi li jistgħu jibbenfikaw minn rati mnaqqsa. Fir-rapport ta' l-ECON, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-kollegamenti tal-kompetizzjoni, ġiet inkluża lista ta' setturi li allegatament ma ġewx affetwati min-negozju fiż-ŻEE.

Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-Awtorità wriet xi dubji li kellha rigward il-metodu segwit fir-rapport ta' l-ECON biex tinġabar id-*data*, li ma deherx li kien sistematiku. L-Awtorità kienet imħassba li r-rapport ta' l-ECON ippreżenta biss stampa mhux kompluta ta' l-*istatus quo* u li ma kien hemm l-ebda analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni futura.

([1]) Sommarju għar-rapport: "*Kartleggingen skal kunne brukes til å utarbeide et forslag til regelverk som så langt som mulig viderefører ordningen med gradert arbeidsgiveravgift for bransjer eller vesentlige deler av bransjer som ikke er i konkurranse med virksomheter i andre EØS-land, og som dermed ikke påvirker samhandelen.*".

([2]) Il-punt 1.2 tar-rapport: "*Det har verken vært tid eller ressurser til å gjennomføre en dyptgående analyse av konkurranseforholdene innen alle de bransjer som omfattes av rapporten. I de fleste tilfellene har vi måttet bygge på faglige vurderinger støttet av intervjuer med utvalgte bedrifter. Skjevheter i informasjonen kan derfor forekomme i våre vurderinger av enkeltbransjer. Imidlertid kan dette slå ut både i retning av å overvurdere konkurransen med andre EØS-land og å undervurdere den*".

([3]) Għal aktar informazzjoni, qed issir referenza għat-Taqsima I.2.a ta' din id-Deċiżjoni, b'referenza speċjali għad-Deċiżjonijiet ta' l-Awtorità Nru 172/02/COL u Nru 218/03/COL.

L-Awtorità enfasizzat id-dubji tagħha dwar jekk il-metodu segwit sabiex ikun iddeterminat jekk kienx hemm effett fuq in-negozju fiż-ŻEE f'settur partikolari jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-ġurisprudenza stabbilita rigward il-fehim tal-kriterju "effett fuq in-negozju" fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. B'referenza għall-ġurisprudenza, l-Awtorità fakkret b'mod partikolari li, bil-kontra tal-metodu segwit mir-rapport ta' l-ECON, il-fatt li l-għajnuna ngħatat fejn għandhom x'jaqsmu attivitajiet purament lokali jew lil intrapriżi li joperaw fuq livell lokali biss, minnu nnifsu ma jipprekludix il-possibbiltà ta' effett fuq in-negozju.

Barra minn hekk, l-Awtorità għandha xi dubji jekk il-miżura notifikata kinitx tipprovdi l-mekkaniżmi meħtieġa sabiex ikun iggarantit in-nuqqas ta' effett fuq in-negozju fil-każi kollha, peress li ma kienet tinkludi l-ebda salvagwardja ġenerali sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza legali u ekonomika meħtieġa fl-applikazzjoni tagħha fejn għandu x'jaqsam l-effett fuq in-negozju. L-Awtorità kienet ikkonċernata dwar il-karattru mhux definit tal-miżura li m'għandhiex limiti ta' żmien u li ma tipprovdix għal klawżola ta' reviżjoni tal-kriterji u tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni.

L-Awtorità ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, fost l-oħrajn, sabiex tiffaċilita l-kompitu tan-Norveġja li tiċċara u tissostanzja aħjar jekk l-applikazzjoni tal-miżura notifikata jkolliex xi effett fuq in-negozju. Qed issir referenza għat-taqsima li ġejja għall-kummenti li tressqu mill-awtoritajiet Norveġiżi.

## 4. **Il-kummenti ta' l-awtoritajiet Norveġiżi**

B'ittra li ġġib id-data tat-12 ta' Novembru 2004, l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni ta' l-Awtorità li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Safejn għandu x'jaqsam il-kontenut tan-notifika, l-awtoritajiet Norveġiżi ċċaraw li rigward il-klassifikazzjonijiet industrijali standard 52.120 (bejgħ bl-imnut ieħor fi ħwienet mhux speċjalizzati), 52.420 (il-bejgħ bl-imnut ta' l-ilbies) u 52.443 (il-bejgħ bl-imnut ta' l-għamara), in-notifika kienet tkopri l-intrapriżi li jinsabu fit-tliet żoni kollha inklużi fil-miżura. Minħabba nuqqas ta' preċiżjoni, dan kien indikat biss għall-intrapriżi fiż-Żona 4.

It-tieninett, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li "uħud mis-setturi ekonomiċi f'żona waħda kienu notifikati bħala li mhumiex esposti għall-kompetizzjoni, filwaqt li l-istess setturi f'żoni oħra ma kinux inklużi fil-lista. […] Ir-raġuni għal dan kienet li r-rapport ta' l-ECON sab li, għal uħud mis-setturi ekonomiċi, ma kien hemm l-ebda intrapriża li teċċedi l-limitu de minimis fiż-żona rilevanti. […] Madankollu, għal skopijiet futuri, jekk l-ispejjeż tal-pagi ta' intrapriżi bħal dawn iwasslu biex jinqabeż il-limitu de minimis, dawn l-intrapriżi se jitqiesu bl-istess mod bħall-intrapriżi li jaqgħu fis-settur rilevanti li ġew notifikati f'żoni oħra."

It-tieletnett, l-awtoritajiet Norveġiżi sabu li l-linja ta' argumenti segwita mill-Awtorità fid-deċiżjoni sabiex tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet tirrifletti fehim pjuttost simplifikat tal-metodu ta' ġbir tad-*data* li ntuża u tal-valutazzjoni li saret mill-ECON. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li għall-intrapriżi fis-settur tal-manifattura, l-espożizzjoni għall-kompetizzjoni kienet eżaminata fuq il-bażi tad-*data* reġjonali dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet. L-awtoritajiet Norveġiżi ċċaraw li r-rapport ta' l-ECON ma kienx jippreżupponi li l-analiżi ta' dawn il-figuri tista' tkun biżżejjed biex ikunu identifikati s-setturi ekonomiċi li ma ġewx affetwati mill-kompetizzjoni min-naħa ta' intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE imma kienet biżżejjed sabiex ikun ikkonfermat li l-għajnuna lil ċertu settur effettivament tista' taffetwa n-negozju.

Rigward l-intrapriżi fis-setturi tas-servizzi, l-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw li l-espożizzjoni għall-kompetizzjoni kienet eżaminata prinċipalment fuq il-bażi ta' l-għarfien tas-sitwazzjoni tas-swieq fis-setturi differenti tal-kummerċ u fuq il-bażi tat-taħdidiet ma' kampjun ta' intrapriżi. Biex attività tkun ikklassifikata bħala purament lokali, kundizzjoni waħda kienet li l-intrapriżi fis-settur tas-servizzi rilevanti ma pparteċipawx f'attivitajiet transkonfinali. Madankollu, dan ma kienx applikat bħala kundizzjoni suffiċjenti. Ir-rapport ta' l-ECON evalwa wkoll jekk l-attività tas-servizz speċifiku f'reġjun partikolari kinitx kapaċi tiġbed klijenti minn lokalità oħra jew minn Stat taż-ŻEE ieħor. Rigward sitwazzjoni futura possibbli, id-ditti li saru t-taħdidiet magħhom ġew mistoqsija x'kienu jqisu li jkun l-effett fuq it-tendenzi tan-negozju tal-klijenti tagħhom jekk il-prezz tas-servizz mogħti lokalment kellu jiżdied b'perċentwali speċifika jew jekk il-prezz għall-istess servizz offrut minn ditti li jinsabu fil-pajjiżi Nordiċi ġirien kellu jiżdied.

Ir-rabanett, l-awtoritajiet Norveġiżi qiesu li kellha tkun l-Awtorità li tivvaluta jekk kwalunkwe wieħed mis-setturi jew mill-benefiċjarji koperti mill-miżura notifikata jistax jingħata għajnuna li ma taffetwax in-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE.

## II. **L-APPREZZAMENT**

### 1. **Ir-rekwiżiti proċedurali**

Il-miżura notifikata ma daħlitx fis-seħħ. B'hekk l-awtoritajiet Norveġiżi rrispettaw l-obbligi tagħhom skond l-Artikolu 1(3) fil-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

## 2. **Il-miżura notifikata**

L-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw "il-ħsieb tagħhom li, mill-1 ta' Jannar 2005, ikomplu l-iskema tal-kontribuzzjonijiet iddivrenzjati tas-sigurtà soċjali applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2004*għal setturi* li ma jiġux esposti għall-kompetizzjoni minn intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE." Ma ġie notifikat l-ebda abbozz konkret ta' proposta għal regolamenti jew liġijiet li jirregolaw l-applikazzjoni tal-miżura. L-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw rapport li fuq il-bażi tiegħu biħsiebhom jerġgħu jintroduċu l-iskema l-antika tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati u mnaqqsa favur ċerti setturi. Għalkemm, ir-rapport ta' l-ECON jiddikjara li l-identifikazzjoni tal-kollegamenti tal-kompetizzjoni jistgħu jintużaw biex tkun abbozzata proposta għal regoli, ir-rapport la jinkludi xi proposta għal regoli kif normalment ikun il-każ għal skema ta' għajnuna u fin-notifika lanqas ma saret proposta bħal din.

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni żejda mressqa mill-awtoritajiet Norveġiżi fin-notifika, u matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, jidher li l-awtoritajiet Norveġiżi jridu jkomplu (jew jerġgħu jintroduċu) s-sistema l-antika tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati u mnaqqsa, imma jridu jillimitaw l-applikazzjoni tagħha għas-setturi elenkati fir-rapport ta' l-ECON. Jeħtieġ li jitfakkar li s-sistema l-antika tar-rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kienet ikklassifikata bħala skema ta' għajnuna ([1]). L-Awtorità ma tara l-ebda raġuni għaliex il-miżura notifikata m'għandiex tkun ikklassifikata bħala skema, għalkemm il-kamp ta' applikazzjoni tagħha ċċekken.

Skond id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(d) fil-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, skema ta' għajnuna hija kwalunkwe att li fuq il-bażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa aktar miżuri implimentattivi, jistgħu jsiru għotjiet ta' għajnuna individwali lil intrapriżi definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt. Tinkludi wkoll kwalunkwe att li fuq il-bażi tiegħu l-għajnuna li ma tkunx konnessa ma' proġett speċifiku tista' tingħata lil intrapriża waħda jew lil diversi intrapriżi għal perjodu indefinit ta' żmien u/jew għal ammont indefinit.

Il-miżura notifikata tirreferi għall-applikazzjoni ta' rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati li kwalunkwe intrapriża li tkun attiva f'numru ta' setturi (il-proposta tkopri aktar minn 200 settur) rigward l-impjegati tagħha li joqogħdu fiż-Żoni 2, 3 u 4 tan-Norveġja. L-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhix għotja individwali ta' għajnuna lil intrapriża waħda imma avveniment li jiġri u jerġa' jiġri fuq bażi regolari matul perjodu indefinit ta' żmien favur numru indefinit ta' benefiċjarji. B'hekk, il-miżura notifikata trid tikkwalifika bħala skema.

## 3. **L-ambitu ta' din id-Deċiżjoni**

Il-valutazzjoni li ġejja tapplika biss għall-attivitajiet li ġew koperti mill-Ftehim taż-ŻEE. L-Awtorità ma tista' tivvaluta l-ebda attività li taqa' barra mill-ambitu tal-Ftehim, bħal pereżempju, l-attivitajiet ta' difiża tal-Kodiċi NACE 75.220.

([1]) Qed issir referenza għad-Deċiżjoni ta' l-Awtorità Nru 218/03/COL fejn l-Awtorità aċċettat perjodu tranżitorju ta' tliet snin għall-abolizzjoni ta' rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati.

Barra minn hekk, l-Awtorità m'għandha l-ebda kompetenza biex tiskrutinizza għajnuna lil intrapriżi li jwettqu esklużivament attivitajiet relatati ma' prodotti li mhumiex koperti mill-Ftehim taż-ŻEE bħal prodotti agrikoli jew tas-sajd ([2]). Fost eżempji oħra, dan huwa l-każ tal-Kodiċi NACE 01.300, it-tkabbir ta' l-uċuħ tar-raba' flimkien mat-trobbija ta' l-annimali għal skopijiet kummerċjali (biedja mħallta). L-attivitajiet f'setturi li jaqgħu barra mill-kompetenza ta' l-Awtorità biex tkun ivvaluta l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat mhumiex suġġetti għal din id-deċiżjoni ([3]) .

## 4. **Il-preżenza ta' l-għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE**

L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jipprovdi kif ġej:

> "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet oħra f'dan il-Ftehim, kull għajnuna mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati ta' l-EFTA jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, tkun xi tkun in-natura tagħha, li xxekkel jew thedded li xxekkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti u għaldaqstant taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, għandha tkun inkompatibbli mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim."

Skond il-ġurisprudenza stabbilita, il-klassifikazzjoni bħala għajnuna teħtieġ li jiġu sodisfatti l-erba' kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE ([4]): 1) irid ikun hemm intervent mill-Istat jew permess ta' riżorsi ta' l-Istat; 2) trid tagħti vantaġġ selettiv lir-riċeventi; 3) dan l-intervent irid ixekkel jew jhedded li jxekkel il-kompetizzjoni, u 4) sabiex tinqabad mill-projbizzjoni ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, il-miżura ta' għajnuna trid taffetwa n-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti.

L-iskema Norveġiża ta' rati mnaqqas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ġiet suġġetta għal diversi deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Awtorità ([5]). Il-Qorti ta' l-EFTA wkoll ivvalutat l-iskema ([6]) u waslet għall-konklużjoni li skema bħal din kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

Kif issemma aktar 'il fuq, il-proposta kurrenti biħsiebha tintroduċi mill-ġdid l-iskema preċedenti, bl-unika differenza tkun li l-iskema proposta tkun ristretta għal ċerti setturi. Hija l-fehma ta' l-Awtorità li l-konklużjonijiet ta' l-Awtorità u s-sejbiet tal-Qorti ta' l-EFTA rigward il-klassifikazzjoni ta' l-iskema preċedenti skond l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE japplikaw ugwalment għall-iskema notifikata preżenti rigward tlieta mill-erba' kundizzjonijiet kumulattivi.

([2]) Ara, fost l-oħrajn, l-Artikoli 8(3), 17 sa 20 u l-Protokolli 3 u 9 għall-Ftehim taż-ŻEE kif ukoll l-Artikolu 24 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

([3]) Ara t-Taqsima 4 t'aktar 'l isfel.

([4]) Kawża Ċ-345/02 *Pearle BV, Hans Prijs Optiek Franchise BV, Rinck Opticiëns BV u Hoofdbedrijfschap Ambachten* [2004] ECR I-7139, paragrafu 33, Kawża Ċ-142/87 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni ("Tubemeuse")* [1990] ECR I-959, paragrafu 25; Kawżi Magħquda Ċ-278/92 u Ċ-280/92 *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* [1994] ECR I-4103, paragrafu 20; Kawża Ċ-482/99 *Franza* vs *Il-Kummissjoni* [2002] ECR I-4397, paragrafu 68, u Kawża Ċ-280/00 *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [2003] ECR I-7747, paragrafu 74.

([5]) Ara t-Taqsima I.2.a) ta' din id-Deċiżjoni.

([6]) Kawża E-6/98 *Il-Gvern tan-Norveġja* vs *L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA* [1999] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA, paġna 76.

B'hekk l-iskema notifikata tinvolvi konsum ta' riżorsi ta' l-Istat fil-forma ta' dħul rinunzjat mill-Istat bl-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, l-iskema tagħti vantaġġ kompetittiv dirett lil intrapriżi fis-setturi u fir-reġjuni favoriti meta paragunati ma' intrapriżi li jinsabu bnadi oħra jew li mhumiex koperti mis-setturi notifikati. F'dan il-kuntest, l-Awtorità tixtieq tenfasizza li miżura tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat biss sakemm tikkonċerna intrapriża li twettaq attività ekonomika, jiġifieri attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti u ta' servizzi f'kompetizzjoni f'suq partikolari ([1]). Il-ġurisprudenza tiddefinixxi intrapriża bħala "*kull entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali ta' l-entità u mill-mod li bih tkun iffinanzjata*" ([2]). Għalhekk, f'attivitajiet mhux ekonomiċi bħal attivitajiet purament amministrattivi ta' l-Istat, attivitajiet ta' ġustizzja u ġudizzjarji jew f'attivitajiet obbligatorji ta' sigurtà soċjali, fost l-oħrajn, ma tista' tkun involuta l-ebda għajnuna mill-Istat. B'hekk, din id-deċiżjoni ma tkoprix attivitajiet bħal dawn.

Għalhekk, il-mistqosija li tifdal hija jekk l-għajnuna mogħtija skond l-iskema notifikata, li hija applikabbli għal ċertu numru ta' setturi allegatament mhux esposti għall-kompetizzjoni minn intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE, għandiex effett fuq in-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti.

(a) *L-għajnuna taffetwa n-negozju fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE?*

Sabiex tinqabad mill-projbizzjoni ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, il-miżura ta' għajnuna trid tkun tista' taffetwa n-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE. Din id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn kawżi jew għanijiet imma tiddefinixxi l-għajnuna mill-Istat b'relazzjoni għall-effetti ([3]).

F'dan li ġej, l-Awtorità se tivvaluta jekk il-fatt li l-iskema notifikata ġiet limitata għal ċerti setturi jfixkilx l-għajnuna milli tkun kapaċi taffetwa n-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti u b'hekk iġibha barra mill-ambitu ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

1. L-istandard legali

Skond il-ġurisprudenza ([4]), kulmeta għajnuna finanzjarja mill-Istat issaħħaħ il-pożizzjoni ta' intrapriża meta paragunata ma' intrapriżi oħra li jikkompetu fin-negozju fiż-ŻEE, dawn ta' l-aħħar iridu jitqiesu bħala li ġew affetwati minn dik l-għajnuna.

Mhemm l-ebda limitu jew perċentwali li taħtu jista' jitqies li n-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti ma jiġix affetwat ([5]). Skond il-ġurisprudenza stabbilita, l-ammont relattivament żgħir ta' għajnuna jew id-daqs relattivament żgħir ta' l-intrapriża li tirċeviha, bħala tali, ma teskludix il-possibbiltà li n-negozju fiż-ŻEE jista' jiġi affetwat ([6]). Fejn settur ikollu numru kbir ta' kumpaniji żgħar, l-għajnuna potenzjalment disponibbli għall-intrapriżi kollha jew għal numru ferm kbir ta' intrapriżi f'dak is-settur, anki jekk l-ammonti individwali jkunu żgħar, jista' jkollha impatt fuq in-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE ([7]). L-għajnuna tista' anki taffetwa n-negozju fiż-ŻEE anki jekk l-intrapriża riċeventi hija stess ma tkunx qed tipparteċipa f'attivitajiet transkonfinali ([8]).

Il-karattru ta' l-għajnuna ma jiddependix fuq il-karattru lokali jew reġjonali tas-servizzi provduti jew fuq l-iskala tal-qasam ta' l-attività kkonċernat ([9]). Il-karattru lokali ta' l-attivitajiet tal-benefiċjarji ta' miżura jikkostitwixxi waħda mill-karatteristiċi li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni ta' jekk ikunx hemm effett fuq in-negozju, imma mhux biżżejjed sabiex l-għajnuna ma jithalliex ikollha effett fuq in-negozju ([10]). Dan huwa għaliex l-għotja ta' appoġġ mill-Istat lil intrapriża tista' twassal biex il-provvista interna tinżamm jew tiġi miżjuda, bil-konsegwenza li jitnaqqsu l-opportunitajiet għall-intrapriżi l-oħra li jippenetraw is-suq ta' l-Istati taż-ŻEE konċernati ([11]).

Fil-valutazzjoni ta' l-effett fuq in-negozju, l-Awtorità mhix meħtieġa li tiddetermina l-effett effettiv ta' skema ta' l-għajnuna, imma li teżamina jekk hemmx probabbiltà li din taffetwa n-negozju fiż-ŻEE ([12]). B'hekk, il-kriterju ta' l-effett fuq in-negozju tradizzjonalment ġie interpretat b'mod mhux ristrettiv tant li, f'termini ġenerali, miżura titqies bħala għajnuna mill-Istat jekk tkun *kapaċi* taffetwa n-negozju bejn l-Istati taż-ŻEE ([13]).

([1]) Kawżi Magqgħuda Ċ-180/98 u Ċ-184/98 *Pavlow u oħrajn* [2000] ECR I-6451, paragrafu 75.

([2]) Kawża Ċ-41/90 *Höfner u Elser* [1991] ECRI-1979, paragrafu 21.

([3]) Kawża Ċ-56/93 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1996] ECR I-723, paragrafu 79.

([4]) Kawża E 6/98 *Il-Gvern tan-Norveġja* vs *L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA* [1999] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA, paġna 76, paragrafu 59; Kawża 730/79 *Philip Morris* vs *Il-Kummissjoni* [1980] ECR 2671, paragrafu 11.

([5]) Kawża Ċ-280/00 *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [2003] ECR I-7747, paragrafu 81; Kawża Ċ-172/03 *Wolfgang Heiser* vs *Finanzamt Innsbruck* [2005], għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafu 32.

([6]) Kawża Ċ-71/04 *Administración del Estado* vs *Xunta de Galicia* [2005], għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafu 41; Kawża Ċ-280/00 *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [2003] ECR I-7747, paragrafu 81; Kawżi Maqgħuda Ċ-34/01 u Ċ-38/01 *Enirisorse* [2003] ECR I-14243, paragrafu 28; Kawża Ċ-142/87 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* (*"Tubemeuse"*) [1990] ECR I-959, paragrafu 43; Kawżi Maqgħuda Ċ-278/92 u Ċ-280/92 *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* [1994] ECR I-4103, paragrafu 42.

([7]) Kawża Ċ-71/04 *Administración del Estado* vs *Xunta de Galicia* [2005] għadha mhux irrappurtata, paragrafu 43; Kawża Ċ-351/98 *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* [2002] ECR I-8031, paragrafu 64; u Kawża Ċ-372/97 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-3679, paragrafu 57.

([8]) Kawża T-55/99 *CETM* vs *Il-Kummissjoni* [2000] ECR II-3207, paragrafu 86.

([9]) Kawża Ċ-280/00 *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [2003] ECR I-7747, paragrafu 77; Kawża Ċ-172/03 *Wolfgang Heiser* vs *Finanzamt Innsbruck* [2005] għahda ma ġietx ippubblikata, paragrafu 33; Kawża Ċ-71/04 *Administración del Estado* vs *Xunta de Galicia* [2005] għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafu 40.

([10]) Kawżi Maqgħuda T-298/97-T-312/97 e.a. *Alzetta u oħrajn.* vs *Il-Kummissjoni* [2000] ECR II-2319, paragrafu 91.

([11]) Kawża E-6/98 *Il-Gvern tan-Norveġja* vs *L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA* [1999] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA, paġna 76, paragrafu 59; Kawża Ċ-303/88 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [1991] ECR I-1433, paragrafu 27; Kawżi Maqgħuda Ċ-278/92 u Ċ-280/92 *Spanja* vs *Il-Kummissjoni* [1994] ECR I-4103, paragrafu 40, Kawża Ċ-280/00 *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [2003] ECR I-7747, paragrafu 78.

([12]) Kawża Ċ-298/00 P *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-4087, paragrafu 49, u Kawża Ċ-372/97 *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-3679, paragrafu 44.

([13]) Kawżi Maqgħuda T-298/97-T-312/97 e.a. *Alzetta u oħrajn* vs *Il-Kummissjoni* [2000] ECR II-2319, paragrafi 76-78.

2. Il-valutazzjoni ta' l-iskema notifikata

Skond l-awtoritajiet Norveġiżi, l-iskema notifikata tkopri bejn wieħed u ieħor 75 % tas-setturi tas-servizzi li ġew eżaminati fir-rapport ta' l-ECON u parti żgħira mis-setturi tal-manifattura flimkien ma' diversi setturi fil-qasam tal-kostruzzjoni. Skond in-notifika, dawn is-setturi ekonomiċi, li jammontaw għal aktar minn 200, b'ċerti kwalifiki għal 13 minnhom, ma jiġu esposti għall-ebda negozju fiż-ŻEE. Għal din ir-raġuni, fil-fehma ta' l-awtoritajiet Norveġiżi, l-iskema notifikata ma tikkwalifikax bħala għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

— *Ir-rapport ta' l-ECON u l-metodu li ntuża sabiex jintgħażlu s-setturi ekonomiċi koperti mill-iskema*

L-iskema notifikata għal rati tal-kontribuzzjonjiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati tibni fuq dak li ssejjaħ bħala r-rapport ta' l-ECON, mehmuż man-notifika. Madankollu, skond ir-rapport, l-iskop tar-rapport mhux li jivvaluta jekk l-iskema tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati hiex konformi mal-Ftehim taż-ŻEE, imma li tivvaluta l-kollegamenti tal-kompetizzjoni [1].

L-awtoritajiet Norveġiżi la għamlu aktar valutazzjonijiet fin-notifika u lanqas ma ppreżentaw xi definizzjoni aktar preċiża tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni b'relazzjoni għal Partijiet Kontraenti oħra. Sempliċement iddikjaraw li r-rati oriġinali tal-kontribuzzjonijiet iddivrenzjati tas-sigurtà soċjali għandhom jiġu applikati għal intrapriżi f'setturi li fir-rapport ta' l-ECON tqies li m'għandhom l-ebda kollegament tal-kompetizzjoni. Huma ma ppreżentawx test legali bid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni tar-rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

L-awtoritajiet Norveġiżi jaċċettaw li fl-evalwazzjoni tas-setturi ekonomiċi individwali jista' jkun hemm allinjamenti ħżiena potenzjali fl-informazzjoni inkluża fir-rapport ta' l-ECON li jistgħu "bil-wisq probabbli jiġu ugwalizzati fuq livell aggregat" [2]. Madankollu, l-Awtorità ma tistax tapprova dan il-metodu. Skema ta' għajnuna trid tkun biżżejjed preċiża li tiżgura li l-applikazzjoni tar-regoli tagħha għal kwalnkwe benefiċjarju indiviwali potenzjali ta' l-għajnuna ma tiksirx ir-regoli tal-Ftehim taż-ŻEE.

Fil-fehma ta' l-Awtorità, il-metodu biex jintgħażlu s-setturi ekonomiċi li suppost ma jiġux affetwati min-negozju bejn l-Istati ma jiżgurax li l-għajnuna ma tingħatax lil intrapriżi involuti f'attivitajiet li jaffetwaw in-negozju fiż-ŻEE.

L-Awtorità qed tiddubbita mill-affidabilità ta' l-informazzjoni miġbura għar-rapport ta' l-ECON, li, b'mod partikolari għas-setturi tas-servizzi, kienet prinċipalment ibbażata fuq l-għarfien li kellha l-ECON tas-sitwazzjoni fis-swieq u fuq it-taħdidiet telefoniċi ma' grupp magħżul ta' intrapriżi. L-informazzjoni miġbura mhix ibbażata fuq evidenza empirika imma għandha karattru pjuttost suġġettiv. Barra minn hekk, skond l-informazzjoni disponibbli għall-Awtorità, l-informazzjoni miġbura ma jidhirx li ġiet ivverifikata.

Fuq il-bażi tar-rapport ta' l-ECON, attività titqies bħala purament lokali u mhux affetwata min-negozju fiż-ŻEE jekk jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet: l-intrapriżi fis-settur ekonomiku rilevanti ma jipparteċipawx huma stess f'attivitajiet transkonfinali u l-attività speċifika ma tkunx kapaċi tiġbed klijenti minn lokalità oħra.

Madankollu, ir-rapport ta' l-ECON ma jivvalutax jekk il-kriterju ta' "effett fuq in-negozju", fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, jiġix sodisfatt jew le jekk l-għajnuna tingħata lil intrapriżi fis-setturi differenti elenkati. Dak li jiġi valutat huwa jekk hemmx kompetizzjoni diretta fis-settur u fir-reġjun konċentrati. Kif ġie ddikjarat aktar 'il fuq, li r-riċevent ta' l-għajnuna jopera f'suq lokali ma jeskludix li n-negozju fiż-ŻEE jiġi affetwat. B'hekk, li skond ir-rapport mhemm l-ebda kollegament tal-kompetizzjoni ma jfissirx li l-għajnuna lill-intrapriżi attivi f'dawn is-setturi ekonomiċi ma taffetwax in-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti.

B'hekk, il-metodu segwit mir-rapport ta' l-ECON biex ikunu identifikati s-setturi ekonomiċi, li jikkostitwixxi l-bażi għan-notifika ta' l-iskema tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati, ma jsegwix il-parametri għall-interpretazzjoni tal-kriterju ta' "effett fuq in-negozju" li ġew stabbiliti mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti ta' l-EFTA u tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, kif issemma aktar 'il fuq.

— *L-iskema nfisha*

L-iskema notifikata tkopri spettru ferm wiesa' u varjat ta' intrapriżi [3] attivi, fost l-oħrajn, fis-setturi ekonomiċi li ġejjin: il-bini tal-bastimenti, il-kostruzzjoni ta' l-awtostradi, tat-toroq, ta' l-imtajar u tal-faċilitajiet sportivi, in-negozju bl-ingrossa u bl-imnut, il-posta u l-mezzi ta' telekomunikazzjoni, is-servizzi finanzjarji, il-kiri tal-karozzi, il-verifika, il-produzzjoni tal-films u l-attivitajiet tar-radju u tat-televiżjoni.

(1) Il-punt 1.1 tar-rapport: "*Det inngår imidlertid ikke i formålet til den foreliggende rapport å foreta en vurdering av om den differensierte arbeidsgiveravgiften er i strid med EØS-avtalens bestemmelser. Raporten er avgrenset til å kartlegge de relevante konkurranseflater.*"

(2) Ara l-paġna 2 ta' l-ittra ta' l-awtoritajiet Norveġiżi li ġġib id-data tat-23 ta' April 2004 (Avveniment Nru 279843).

(3) Skond l-ispjegazzjoni ta' l-awtoritajiet Norveġiżi fin-notifika, il-parti l-kbira, imma mhux is-setturi kollha fl-industrija tal-manfiattura suppost li jkunu esposti għall-kompetizzjoni barranija u għaldaqstant mhux suppost li jibbenefikaw mir-rati mnaqqsa tas-sigurtà soċjali li qed jiġu notifikati kurrentement. Madankollu, l-intrapriżi fil-75 % tas-setturi tas-servizzi kollha u f'bosta setturi tal-kostruzzjoni allegatament ma jiġux esposti għall-kompetizzjoni u għan-negozju fiż-ŻEE.

F'oqsma fejn ġiet adottata l-leġiżlazzjoni sekondarja sabiex tiftaħ u tirregola l-istabbiliment tas-suq intern, bħas-servizzi finanzjarji (65 NACE), il-mezzi ta' telekomunikazzjoni (64 NACE), eċċ. jew f'oqsma li huma suġġetti għal regoli speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat, bħall-bini tal-bastimenti (35 NACE) ([1]), l-Awtorità ġeneralment tqis li l-attività rispettiva mhix imħarsa min-negozju fiż-ŻEE.

It-trasportaturi mobbli tat-telekomunikazzjoni (64.220 NACE), il-fornituri tas-servizz ta' l-Internet (64.230 NACE) u l-attivitajiet ta' kurjer ħlief l-attivitajiet tal-posta nazzjonali (64.120 NACE) huma eżempji ewlenija ta' attivitajiet transkonfinali. Il-parti l-kbira ta' dawn l-attivitajiet jitwettqu minn kumpaniji li joperaw b'mod internazzjonali ([2]).

Safejn għandu x'jaqsam is-settur tal-kostruzzjoni (45 NACE), l-attivitajiet bħall-kostruzzjoni ta' l-awtostradi jew tal-proġetti ta' l-ilma jridu jitwettqu minn intrapriżi kbar ferm speċjalizzati li jikkompetu ma' kumpaniji oħra fiż-ŻEE ([3]).

B'mod partikolari, f'uħud mis-setturi ekonomiċi notifikati, li huma karatterizzati mid-deregolazzjoni u mil-liberalizzazzjoni, intervent finanzjarju ta' l-Istat ta' spiss se jkollu effett fuq in-negozju.

Setturi ekonomiċi oħrajn li huma koperti mill-iskema diġà kienu s-suġġett ta' deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat li ddikjaraw b'mod ċar l-eżistenza ta' effett fuq in-negozju. Fost l-oħrajn, dan huwa l-każ tal-pubblikazzjoni tal-gazzetti (22 NACE), settur li fih, is-sena li għaddiet, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li kienet tiddikjara li: "[…] hemm negozju bejn l-Istati Membri fil-prodotti tal-pubblikazzjoni konċernati mill-miżuri ta' għajnuna li qed jiġu eżaminti. B'hekk, il-miżuri ta' għajnuna li qed jiġu eżaminati jistgħu jxekklu l-kompetizzjoni bejn id-ditti tant li, pereżempju, id-ditti tal-pubblikazzjoni jistgħu jsegwu l-attività tagħhom fi Stati Membri differenti, jipproduċu pubblikazzjonijiet f'ilsna differenti u jikkompetu għad-drittijiet tal-pubblikazzjoni u għar-reklami." ([4]).

Eżempju ieħor ta' settur fejn diġà ġew adottati deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat li jistabbilixxu l-eżistenza ta' effett fuq in-negozju huwa s-settur tal-bejgħ bl-ingrossa (51 NACE) ([5]): "il-volum ta' negozju fil-prodotti farmaċewtiċi u fi prodotti relatati oħra […] fl-1991 […] ma' l-erba' pajjiżi taż-ŻEE (l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja, in-Noveġja) f'dawn il-prodotti jeċċedi ż-2.7 biljun ecu."

([1]) Kawża Ċ-71/04 *Administración del Estado* vs *Xunta de Galicia* [2005] għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafu 47.

([2]) Kawżi Magħquda E-5/04, E-6/04 u E-7/04 *Fesil u oħrajn* vs *EFTA Surveillance Authority* [2005], għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafu 95.

([3]) Barra minn hekk, mhemm l-ebda referenza espliċita fin-notifika għall-metodu li ġie segwit biex tkun iddeterminata l-espożizzjoni għall-kompetizzjoni f'dan is-settur, għalkemm numru kbir ta' sotto-setturi tal-kostruzzjoni ġew inklużi fin-notifika.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30.6.2004 dwar il-miżuri notifikati mill-Italja favur l-industrija tal-pubblikazzjoni.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-iskema Griega ta' għajnuniet fis-settur farmaċewtiku, iffinanzjata permezz ta' imposti (*levies*) fuq prodotti farmaċewtiċi u fuq prodotti oħra relatati, l-għajnuna mill-Istat nru Ċ1A/92.

Kif intwera fl-eżempji t'aktar 'il fuq, l-intrapriżi f'ħafna mis-setturi koperti minn din l-iskema mhumiex biss suġġetti għal, imma jiffaċċjaw kompetizzjoni minn intrapriżi fi Stati oħra taż-ŻEE. L-għajnuna mogħtija lil intrapriżi li huma attivi f'dawn is-setturi għalhekk se jkollha effett fuq in-negozju. B'hekk, l-iskema tinvolvi għajnuna mill-istati fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-awtoritajiet Norveġiżi notifikaw skema waħda biss għal rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati li tkopri aktar minn 200 settur u mhux aktar minn 200 notifika individwali, waħda għal kull settur.

Fl-ittra ta' l-awtoritajiet Norveġiżi li ġġib id-data tat-12 ta' Novembru 2004, ġie ddikjarat fil-qosor li "għandha tkun l-Awtorità […] li tivvaluta jekk kwalunkwe wieħed mis-setturi ekonomiċi jew mill-benefiċjarji notifikati jistax jingħata għajnuna li ma taffetwax in-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE" ([6]). Madankollu, meta tiġi eżaminata skema, l-Awtorità trid tivvaluta l-karatteristiċi ġenerali ta' l-iskema bħala tali sabiex taċċerta ruħha jekk tinvolviex għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja stabbiliet li "fil-każ ta' skema ta' għajnuna, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha li teżamina l-karatteristiċi ġenerali ta' l-iskema in kwistjoni, mingħajr ma tkun fl-obbligu li teżamina kull każ partikolari fejn tkun applikabbli." ([7]). Il-Qorti ta' l-EFTA wkoll approvat din l-interpretazzjoni ([8]).

B'hekk l-Awtorità trid tivvaluta l-iskema bħala tali. Jekk l-iskema bħala tali tipprovdi għall-għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, din tinqabad minn din id-dispożizzjoni. L-Awtorità għalhekk mhix obbligata li tipprova b'mod pożittiv f'kull każ individwali li jaqa' taħt l-iskema li ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

Barra minn hekk, għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, mhux fattibbli ([9]) li jiġi stabbilit jekk hux probabbli li l-iskema se taffetwa n-negozju fejn għandhom x'jaqsmu kull wieħed mill-aktar minn 200 settur li tkopri. Skond il-ġurisprudenza stabbilita, irid jiġi żgurat li n-negozju għall-intrapriżi individwali li jistgħu jibbenefikaw mill-iskema mhux se jiġi affetwat ([10]). L-Awtorità tqis li huwa impossibbli li jkun żgurat li l-benefiċjarji potenzjali kollha f'kull wieħed mill-aktar minn 200 settur NACE notifikat ma jkunux – u mhux se jkunu – esposti għan-negozju fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

([6]) Ara l-paġna 3 ta' l-ittra ta' l-awtoritajiet Norveġiżi li ġġib id-data tat-12 ta' Novembru 2004 (Avveniment Nru 299087).

([7]) Kawża T-171/02 *Regione autonoma della Sardegna* vs *Il-Kummissjoni* [2005] għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafu 102; Kawża 248/84 *Il-Ġermanja* vs *Il-Kummissjoni* [1987] ECR 4013, paragrafu 18; Kawża Ċ-75/97 *Il-Belġju* vs *Il-Kummissjoni* [1999] ECR I-3671, paragrafu 48 u Kawża Ċ-278/00 *Il-Greċja* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-3997, paragrafu 24.

([8]) Kawża E-6/98 *Il-Gvern tan-Norveġja* vs *L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA* [1999] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA, paġna 76, paragrafu 57.

([9]) F'dan il-kuntest ara l-Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-Kawża Ċ-278/00 *Il-Greċja* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-3997, paragrafu 40.

([10]) Kawża T-171/02 *Regione autonoma della Sardegna* vs *Il-Kummissjoni* [2005] għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafu 104.

Hemm setturi ekonomiċi oħra li jinkludu attivitajiet ta' spiss imwettaq fuq livell lokali. Rigward dawn is-setturi, madankollu, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li n-negozju jista' jiġi affetwat. Bħala eżempju, il-fornituri tas-servizzi lokali bħaċ-ċentri tat-taħriġ jew il-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut bħas-supermarkits ta' spiss jappartjenu għal ktajjen akbar li jkunu f'kompetizzjoni maż-ŻEE kollha. Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dan l-aħħar iddeterminat l-eżistenza ta' effett fuq in-negozju fis-settur ta' l-attivitajiet tad-dentistrija (85 NACE) ([1]), servizz li tipikament jingħata lokalment.

Għalkemm l-eżistenza ta' effett fuq in-negozju ġeneralment tkun stabbilita, hemm ukoll xi eżempji konkreti fil-prattika tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità u tal-Kummissjoni fejn tqies li l-għotjiet ta' għajnuna konkreta f'ċirkostanzi partikolari li m'għandhom l-ebda effett fuq in-negozju. Dan kien il-każ, pereżempju, fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Moll ta' Brighton u l-pixxina ta' Dorsten ([2]). L-eżistenza ta' effett fuq in-negozju wkoll ġiet miċħuda fid-Deċiżjoni ta' l-Awtorità dwar l-istabbiliment ta' faċilitajiet privati ta' kura matul il-jum f'siti pubbliċi bi ħlasijiet issussidjati tal-kera tal-proprjetà f'Oslo ([3]). Il-karatteristika komuni ta' dawn il-każi hija li jew jikkonċernaw għotja ta' għajnuna individwali jew skema mdawra b'limiti tant ċari, konċiżi u stretti fl-applikazzjoni u fil-benefiċjarji potenzjali li seta' jkun żgurat li l-ebda għajnuna individwali li setgħet tingħata ma jkollha effett fuq in-negozju.

Ir-rapport ta' l-ECON, li fuq il-bażi tiegħu ġiet ippreparata din l-iskema, prinċipalment analizza s-sitwazzjoni kurrenti ta' numru ta' setturi ekonomiċi fin-Norveġja. Madankolu, l-ekonomija tevolvi u t-tendenzi tan-negozju jistgħu jinbidlu. B'hekk kif se tkun is-sitwazzjoni futura u jekk ir-riżultati tar-rapport ta' l-ECON, li fuq il-bażi tiegħu l-awtoritajiet Norveġiżi jiġġustifikaw in-nuqqas ta' effett fuq in-negozju, se jkunux validi fil-futur jibqgħu mhux magħrufa. Jekk ma jkunx hemm mekkaniżmu ta' reviżjoni sabiex l-għoti ta' l-għajnuna jkun adattat għaċ-ċirkostanzi l-ġodda, ma jistax ikun żgurat li fil-futur l-għajnuna ma tingħatax lil numru ta' intrapriżi li jkunu attivi f'uħud mis-setturi ekonomiċi elenkati b'effett fuq in-negozju. F'dan il-kuntest, irid jiġi nnutat li l-proposta għal rati iddivrenzjati għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali m'għandiex limiti ta' żmien.

Il-kopertura materjali ta' l-iskema mhix biżżejjed preċiża. Dan l-aħħar, l-awtoritajiet Norveġiżi ċċaraw l-ambitu tan-notifika fl-ittra tagħhom li ġġib id-data tat-12 ta' Novembru 2004, fejn ressqu kummenti dwar il-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Uħud mis-settur ġew notifikati bħala li ma kinux esposti għall-kompetizzjoni f'żona waħda peress li bħalissa mhemm l-ebda intrapriża f'dawk is-setturi fiż-żoni partikolari li teċċedi l-limitu *de minimis*. L-awtoritajiet Norveġiżi madankollu spjegaw li se jqisu dawn l-intrapriżi bl-istess mod bħal dawk li jaqgħu taħt is-settur rilevanti notifikat f'żoni oħra, jekk fil-futur, l-ispejjeż tal-pagi ta' dawn l-intrapriżi jeċċedu l-limitu *de minimis*. Minkejja dan, dawn is-settur ma kinux inklużi fin-notifika kif tressqet quddiem l-Awtorità.

Barra minn hekk, mhemm l-ebda kriterju speċifiku ieħor sabiex jingħażlu l-intrapriżi eliġibbli fis-setturi ekonomiċi inklużi fil-lista identifikata fir-rapport ta' l-ECON peress li n-notifika tirreferi biss għas-setturi. Iż-żewġ kriterji kumulattivi tal-lokalità ġeografika u ta' l-attività settorjali meħtieġa sabiex jiġu applikati r-rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'settur partikolari, fil-fehma ta' l-Awtorità, għandhom natura wisq wiesgħa. Skond id-deċiżjonijiet pożittivi li ssemmew aktar 'il fuq, skema trid tinkludi kriterji preċiżi u ċari ([4]) sabiex ikun żgurat li ma tingħata l-ebda għajnuna lill-ebda *intrapriża* li taffetwa n-negozju fiż-ŻEE.

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Norveġiżi, għalhekk l-Awtorità tqis li hemm probabbiltà li l-proposta għal rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati taffetwa n-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti.

(b) *Konklużjoni*

Għar-raġunijiet li ssemmew aktar 'il fuq, l-Awtorità qed tikkonkludi li l-iskema notifikata tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għall-intrapriżi attivi f'ċerti setturi ekonomiċi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

### 5. **Il-kompatibbiltà ta' l-għajnuna**

Fin-notifika, l-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw li l-proposta għal rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Wara valutazzjoni preliminari ta' l-iskema, l-Awtorità ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali minħabba d-dubji serji dwar mhux biss il-karattru ta' għajnuna mill-Istat tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati imma anki dwar il-kompatibbiltà tagħhom mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE. Minkejja d-dubji espressi mill-Awtorità fid-deċiżjoni biex tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Norveġiżi ma ppreżentaw l-ebda argument dwar il-kompatibbiltà ta' l-iskema.

L-Awtorità hija tal-fehma li għal dan il-każ ma tista' tiġi applikata l-ebda deroga li ssemmiet fl-Artikolu 61(2) tal-Ftehim taż-ŻEE.

Barra minn hekk, is-sistema tar-rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma tistax titqies bħala kompatibbli fuq il-bażi ta' l-Artikolu 61(3) tal-Ftehim taż-ŻEE. Tnaqqis fl-ispejjeż ta' ġestjoni ta' intrapriża, bħall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jikkostitwixxi għajnuna operattiva. Fil-prinċipju, għajnuna bħal din, mogħtija lil intrapriżi f'ċerti reġjuni, hija projbita.

([1]) Kawża Ċ-172/03 *Wolfgang Heiser* vs *Finanzamt Innsbruck* [2005] għadha ma ġietx ippubblikata, paragrafi 29 and 32.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat N 560/01 u NN 17/02 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru N 258/2000, rispettivament.

([3]) Id-Deċiżjoni ta' l-Awtorità Nru 291/03/COL tat-18 ta' Diċembru 2003 rigward l-istabbilment ta' faċilitajiet privati ta' kura matul il-jum f'siti pubbliċi bi ħlasijiet issussidjati tal-kiri tal-proprjetà f'Oslo.

([4]) Il-Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-Kawża Ċ-278/00 *Il-Greċja* vs *Il-Kummissjoni* [2004] ECR I-3997, paragrafu 45-46.

L-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma jistgħux jitqiesu fil-qafas ta' l-Artikolu 61(3)(a) tal-Ftehim taż-ŻEE peress li l-ebda reġjun Norveġiż ma jikkwalifika għal din id-dispożizzjoni li teħtieġ standard ferm baxx ta' l-għajxien jew livell għoli ta' qgħad.

Ir-rati mnaqqsa tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma jippromwovux it-twettiq ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew jew joffru rimedju għal disturb serju fl-ekonomija ta' Stat, kif jintalab mill-kompatibbiltà fuq il-bażi ta' l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE.

Fejn għandu x'jaqsam l-Artikolu 61(3)(ċ) tal-Ftehim taż-ŻEE, fid-Deċiżjoni tagħha Nru 218/03/COL tat-12 ta' Novembru 2003, dwar għajnuna mill-Istat f'forma ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali mħallsa b'mod differenzjat skond ir-reġjun, l-Awtorità qieset li kontinwazzjoni ta' l-iskema Norveġiża tkun inkompatibbli ma' l-Artikolu 61(3)(ċ) tal-Ftehim taż-ŻEE u mal-Linji ta' Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Għall-intrapriżi li jinsabu fiż-Żoni 2, 3 u 4 li jkunu attiviti fis-setturi ekonomiċi elenkati fin-notifika, il-miżura notifikata timplika ritorn għar-regoli li kienu ddikjarati bħala għajnuna inkompatibbli mill-Awtorità fl-2002 talli ma kwalifikawx għal deroga skond l-Artikolu 61(3)(ċ) tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-karatteristiċi fundamentali ta' l-iskema notifikata huma l-istess bħal dawk ta' l-iskema bla ħsara għad-deċiżjoni preċedenti ta' l-Awtorità. L-unika differenza hija l-kamp aktar ristrett ta' applikazzjoni ta' l-iskema notifikata kurrentement li hija limitata għall-intrapriżi attivi f'lista ta' aktar minn 200 settur predeterminat. Skond din id-Deċiżjoni, l-Awtorità tikkonferma l-valutazzjoni preċedenti tagħha li l-applikazzjoni ta' rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati mhix kompatibbli mar-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE.

## 6. **Konklużjoni**

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni li saret, l-Awtorità tqis li l-iskema notifikata tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għal ċerti setturi ekonomiċi tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat mhux kompatibbli mar-regoli tal-Ftehim taż-ŻEE.

Skond l-informazzjoni disponibbli għall-Awtorità, l-iskema notifikata tar-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għal ċerti setturi ekonomiċi għadha ma ġietx implimentata, jiġifieri ma tħallset l-ebda għajnuna lill-ebda benefiċjarju potenzjali ta' l-iskema.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proposta notifikata għal rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għall-intrapriżi attivi f'ċerti setturi ekonomiċi li l-awtoritajiet Norveġiżi qed jippjanaw li jimplimentaw tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-proposta notifikata mhix kompatibbli ma' l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE.

*Artikolu 2*

Il-proposta notifikata għal rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali reġjonalment iddivrenzjati għal intrapriżi attivi f'ċerti setturi ekonomiċi m'għandiex tiġi implimentata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija awtentika fl-Ingliż.

Magħmula fi Brussel, 22 ta' Novembru 2005.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA*

Einar M. BULL
*President*

Kurt JÄGER
*Membru tal-Kulleġġ*

# IL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI EFTA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI TA' L-EFTA

**Nru 1/2006/KP**

**tas-27 ta' April 2006**

**dwar il-verifika ta' proġetti skond il-Mekkaniżmu Finanzjarju (2004–2009)**

IL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI TA' L-EFTA

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem il-Ftehim taż-ŻEE;

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika tas-Slovakkja fiż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE; ([1])

Wara li kkunsidra l-Protokoll 38a dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE inserit fil-Ftehim taż-ŻEE mill-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE;

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Komunità Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu 2004–2009; ([2])

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA Nru. 1/2004/KP tal-5 ta' Frar 2004 li Tistabbilixxi Uffiċċju għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA Nru 4/2004/KP tat-3 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-ESA/Qorti Nru 15/2005 tat-22 ta' Diċembru 2005 dwar il-mandat tal-Bord ta' l-Awdituri ta' l-EFTA (Stati Membri ta' l-EFTA li huma membri taż-ŻEE);

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Bord ta' l-Awdituri għandu jaġixxi bħala l-awtorità suprema għall-verifika ta' proġetti taħt il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 2004 - 2009 (minn hawn 'il quddiem "il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE"). Dan jinkludi l-verifika ta' proġetti fl-Istati Benefiċjarji, il-ġestjoni tal-Proġetti mill-Istati Benefiċjarji u l-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE. Il-Bord ta' l-Awdituri għandu wkoll iwettaq verifika tal-ġestjoni tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE mill-Uffiċċju tal-Mekkaniżmu Finanzjarju.

([1]) ĠU L 130, 29.4.2004, p. 11 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 23, 29.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 130, 29.4.2004, p. 81 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 23, 29.4.2004, p. 58.

*Artikolu 2*

Il-Bord ta' l-Awdituri għandu jikkonsisti f'ċittadini ta' l-Istati ta' l-EFTA li jkunu partijiet fil-Ftehim taż-ŻEE u preferibilment membri ta' l-istituzzjonijiet supremi tal-verifika ta' l-Istati ta' l-EFTA. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tagħhom. Uffiċjal ta' l-EFTA ma jistax jiġi maħtur awditur qabel intervall ta' tlett snin mit-tmiem tal-kariga tiegħu ma' kwalunkwe istituzzjoni ta' l-EFTA.

*Artikolu 3*

Il-membri tal-Bord ta' l-Awdituri li jwettqu verifiki skond l-Artikolu 1 għandhom ikunu l-istess persuni li jiġu maħtura fi, u għal, l-istess terminu, stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-ESA/Qorti, Nru 15/2005 tat-22 ta' Diċembru 2005.

*Artikolu 4*

Il-membri tal-Bord ta' l-Awdituri għandhom ikunu kompletament indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom.

*Artikolu 5*

Il-membri tal-Bord ta' l-Awdituri għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-persuna jew persuni fdati bil-verifiki korrispondenti taħt il-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu 2004–2009 fil-verifika ta' attivitajiet relatati maż-żewġ Mekkaniżmi Finanzjarji.

*Artikolu 6*

In-nefqa fir-rigward ta' verifiki xierqa u proporzjonati msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun iffinanzjata mill-baġit amministrattiv tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE. Abbażi ta' baġit propost mill-Bord ta' l-Awdituri u rakkomandazzjoni mill-Kumitat tal-Mekkaniżmu Finanzjarju, il-Kumitat Permanenti għandu jiddeċiedi dwar l-ammont li għandu jingħata għal dan l-iskop.

*Artikolu 7*

Il-Bord ta' l-Awdituri jista' jqabbad esperti esterni sabiex jgħinuh. L-esperti esterni jridu jissodisfaw l-istess kriterji ta' indipendenza u jikkonformaw ma' l-istess dmir ta' kooperazzjoni stipulat fl-Artikolu 5 bħall-membri tal-Bord ta' l-Awdituri.

*Artikolu 8*

Il-Bord ta' l-Awdituri għandu jirrapporta lill-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA dwar il-verifika msemmija fl-Artikolu 1. Huwa jista' jressaq proposti għal azzjoni.

*Artikolu 9*

Il-Bord ta' l-Awdituri għandu jipproponi t-termini ta' referenza tiegħu dwar il-verifika msemmija fl-Artikolu 1 u jressaqhom quddiem il-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA għall-adozzjoni.

*Artikolu 10*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett immedjat.

*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2006.

*Għall-Kumitat Permanenti*

| *Iċ-Chairman* | *Is-Segretarju Ġenerali* |
|---|---|
| Stefán Haukur JÓHANNESSON | William ROSSIER |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI TA' L-EFTA

## Nru 1/2007/KP

## tal-25 ta' Ottubru 2007

## li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 5/2004/KP li jistabbilixxi prinċipju tal-qsim ta' l-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE

IL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI ta' L-EFTA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ġiet mibdula mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem msejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 38a dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE mdaħħal fil-Ftehim taż-ŻEE bil-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fiż-Żona Ekonomika Ewropea, u emendat mill-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA Nru 5/2004/KP tat-23 ta' Settembru 2004 li jistabbilixxi prinċipju tal-qsim ta' l-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE,

Wara ki kkunsidra l-fatt li l-Liechestein issa qiegħda f'pożizzjoni li tipproduċi d-*data* uffiċjali tagħha dwar il-Prodott Gross Domestiku (PGD),

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu 6 u 7 ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 5/2004/KP li jistabbilixxi prinċipju tal-qsim ta' l-ispejjeż għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għandu jinbidel b' dan li ġej:

> "6. Id-*data* tal-PGD li dwarha għandhom ikun bbażati l-kontribuzzjonijiet għal sena speċifika t, għandha tintbagħat sa l-1 ta' Frar ta' l-istess sena u għandha tkun relatata mas-snin t-4, t-3 u t-2. Għal-Liechenstein, għandhom jintużaw l-aktar tliet snin riċenti li għalihom tkun disponibbli d-*data*. "

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett immedjat. Din għandha tapplika għall-ewwel darba għall-perjodu 2007-2008.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kumitat Permanenti*

| *Il-President* | *Is-Segretarju Ġenerali* |
| --- | --- |
| Stefán Haukur JÓHANNESSON | Kåre BRYN |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI TA' L-EFTA

## Nru 3/2007/KP

## tas-6 ta' Diċembru 2007

## dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti ta' l-EFTA u li tneħħi d-Deċiżjoni Nru 3/2005/KP tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA

IL-KUMITAT PERMANENTI TA' L-ISTATI TA' L-EFTA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA Nru 3/2005/KP tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti li b'dan qiegħda tiġi mħassra,

Wara li rrikonoxxa l-interess pubbliku f'aċċess miftuħ għal dokumenti f'qafas legali definit b'mod ċar, li jikkunsidra l-liġijiet nazzjonali applikabbli,

Wara li kkunsidra l-fatt li, meta jitqiesu talbiet għal aċċess għal dokumenti, il-prinċipju tat-trasparenza għandu jkun applikat bl-usa' mod possibbli,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Segretarjat ta' l-EFTA għandu jagħmel disponibbli lill-pubbliku bit-tqegħid fuq il-websajt tiegħu d-dokumenti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Kwalunkwe persuna tista' titlob aċċess għal dokumenti relatati maż-ŻEE (minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "dokumenti") miktubin jew milqugħa mis-Segretarjat ta' l-EFTA li huma f'idejn is-Segretarjat ta' l-EFTA.

2. L-aċċess għal dokument għandu jingħata sakemm ma japplikawx il-limitazzjonijiet ta' l-Artikoli li ġejjin:

*Artikolu 3*

1. Aċċess għal dokument għandu jkun rifjutat f'każ li l-iżvelar se jfixkel il-ħarsien ta':

(a) l-interess pubbliku fir-rigward ta': is-sigurtà pubblika, id-difiża u l-materja militari, ir-relazzjonijiet internazzjonali, il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika ta' Stat ta' l-EFTA.

(b) il-privatezza u l-integrità ta' l-individwu, partikolarment skond il-liġi nazzjonali applikabbli ta' l-Istati ta' l-EFTA li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tad-*data* personali;

2. Aċċess għal dokument għandu jkun rifjutat f'każ li l-iżvelar se jfixkel il-ħarsien ta':

(a) interessi kummerċjali ta' persuna naturali jew legali, inkluża l-proprjetà intellettwali,

(b) proċedimenti fil-qrati u pariri legali,

(ċ) l-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u awditjar.

3. Aċċess għal dokument, miktub għall-użu intern, li għandu x'jaqsam ma' materja fejn id-deċiżjoni għadha ma ttieħditx, għandu jkun rifjutat jekk l-iżvelar tad-dokument se jfixkel il-proċess li jwassal għat-teħid ta' deċiżjoni.

4. Aċċess għal dokument li fih opinjonijiet għall-użu intern bħala parti mid-deliberazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet preliminari għandu jkun rifjutat anke wara li d-deċiżjoni tkun ittieħdet jekk l-iżvelar tad-dokument se jfixkel il-proċess li jwassal għat-teħid ta' deċiżjoni.

5. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dokumenti ta' terzi trażmessi lis-Segretarjat ta' l-EFTA, is-Segretarjat ta' l-EFTA għandu jikkonsulta lit-terzi bil-ħsieb li tkun eżaminata jekk eċċezzjoni fil-paragrafu 1 jew 2 hix applikabbli, sakemm huwa ċar li d-dokument għandu jew ma għandux ikun żvelat.

6. Fil-każijiet tal-paragrafi 2-4 hawn fuq, l-aċċess għandu jingħata xorta, b'mod sħiħ jew parzjali, jekk l-Istati ta' l-EFTA jaqblu li hemm interess pubbliku li jiġi fuq kollox fl-iżvelar.

*Artikolu 4*

Stat ta' l-EFTA jista' jitlob lis-Segretarjat ta' l-EFTA biex ma jiżvelax dokumenti li joriġinaw minn dak l-Istat mingħajr il-qbil tiegħu minn qabel.

*Artikolu 5*

Jekk partijiet biss tad-dokument mitlub huma koperti minn xi eċċezzjoni, il-biċċiet l-oħra tad-dokument għandhom jiġu żvelati.

*Artikolu 6*

1. Applikazzonijiet għall-aċċess għal dokument għandhom isiru fi kwalunkwe forma miktuba, inkluża l-forma elettronika, fl-ilsien Ingliż u f'manjiera preċiża biżżejjed li tippermetti lis-Segretarjat ta' l-EFTA biex jidentifika d-dokument.

2. Jekk applikazzjoni mhijiex preċiża biżżejjed, is-Segretarjat ta' l-EFTA għandu jitlob lill-applikant jikkjarifika l-applikazzjoni u għandu jassisti lill-applikant biex jagħmel dan, pereżempju, billi jipprovdi informazzjoni skond l-Artikolu 11.

3. Fl-eventwalità ta' applikazzjoni li għandha x'taqsam ma' dokument twil ħafna jew numru kbir ħafna ta' dokumenti, is-Segretarjat ta' l-EFTA jista' jikkonsulta ma' l-applikant b'mod informali, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni ġusta.

*Artikolu 7*

1. Applikazzjoni għall-aċċess għal dokument għandha tiġi proċessata mill-ewwel. Għandha tintbagħat ittra ta' rċevuta lill-applikant.

2. Is-Segretarjat ta' l-EFTA għandu jissottometti t-talba ta' l-Istati ta' l-EFTA għall-approvazzjoni, sakemm ma jkunx assigurat li l-Istati ta' l-EFTA humiex se jirrifjutaw jew le l-aċċess għad-dokument. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jiddeċiedu mingħajr dewmien żejjed.

3. Hekk kif tasal ir-risposta mingħand l-Istati ta' l-EFTA, is-Segretarjat ta' l-EFTA għandu jew jinforma lill-applikant li aċċess għad-dokument mitlub ingħata u jipprovdi aċċess skond l-Artikolu 10 jew, f'risposta miktuba, jagħti r-raġunijiet għar-rifjut totali jew parzjali u jinforma l-applikant bid-dritt tiegħu jew tagħha li tirreferi t-talba lill-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA.

4. Jekk mhux possibbli għas-Segretarjat ta' l-EFTA li jagħti lill-applikant tweġiba fi 12-il jum ta' xogħol mir-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjoni, l-applikant għandu jkun infurmat bil-miktub bid-dewmien u meta d-deċiżjoni tista' tkun mistennija. L-applikant għandu jkun infurmat bid-dritt tiegħu jew tagħha li jirreferi t-talba lill-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA jekk ma jkunx irċieva jew ma tkunx irċeviet tweġiba fi żmien raġonevoli.

5. Fl-eventwalità ta' rifjut totali jew parzjali, l-applikant jista', fi żmien 15-il jum ta' xogħol minn meta jirċievi t-tweġiba mis-Segretarjat, jirreferi t-talba lill-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA.

6. In-nuqqas tas-Segretarjat ta' l-EFTA li jwieġeb fi żmien raġonevoli mir-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjoni jagħti d-dritt lill-applikant li jirreferi t-talba lill-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA.

*Artikolu 8*

Referenza għall-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA għandha tkun mistħarrġa mill-ewwel. Jekk aċċess totali jew parzjali hu rifjutat, dan għandu jkun ikkomunikat lill-applikant f'risposta bil-miktub li tagħti r-raġunijiet tar-rifjut.

*Artikolu 9*

Il-klassifikazzjoni (Strettament kunfidenzjali, Kunfidenzjali, Ristrett) ta' kwalunkwe dokument fiha nnifisha ma teskludihiex mill-aċċess għall-pubbliku fi stadju aktar tard.

*Artikolu 10*

1. L-applikant għandu jkollu aċċess għad-dokumenti jew billi jikkonsultahom fil-post jew billi jirċievi kopja, inkluża kopja elettronika, fejn disponibbli. L-applikant jista' jkun mitlub iħallas l-ispiża tal-produzzjoni u ta' l-impustar tal-kopji. Il-ħlas m'għandux jaqbeż l-ispiża reali tal-produzzjoni u l-impustar tal-kopji. Konsultazzjoni fuq il-post, kopji ta' anqas minn 20 paġna tad-daqs A4, u jekk disponibbli, aċċess dirett f'forma elettronika għandhom ikunu b'xejn.

2. Jekk dokument kien diġà rilaxxat mis-Segretarjat ta' l-EFTA u hu faċilment aċċessibbli mill-applikant, is-Segretarjat ta' l-EFTA jista' jissodisfa l-obbligu tiegħu li jagħti aċċess għad-dokumenti billi jinforma lill-applikant kif jista' jakkwista d-dokument mitlub.

*Artikolu 11*

1. Is-Segretarjat tal-EFTA se jżomm reġistru pubbliku tad-dokumenti relatati mal-Ftehim taż-ŻEE mħejji mis-Segretarjat tal-EFTA. Ir-reġistru se jkun aċċessibli mill-websajt tiegħu'

2. Għal kull dokument ir-reġistru għandu jkun fih numru ta' referenza, il-materja tas-suġġett u/jew deskrizzjoni qasira tal-kontenut tad-dokument u d-data meta wasal jew inkiteb u reġistrat fir-reġistru. Referenzi għandhom isiru f'manjiera li ma jfixklux il-ħarsien ta' l-interessi fl-Artikolu 3.

3. Id-dokumenti li huma kklasifikati bħala "Konfidenzjali" jew "Strettament konfidenzjali" m'għandhomx jitpoġġew fuq ir-reġistru pubbliku sakemm l-Istati tal-EFTA jaqblu li għandu jsir hekk.

4. Barra minn hekk, l-aċċess għall-lista ta' dokumenti relatati maż-ŻEE miktuba minn jew li rċiviet is-Segretarjat tal-EFTA u li qegħdin fil-pusses tas-Segretarjat tal-EFTA se jkunu provduti fuq talba.

*Artikolu 12*

Is-Segretarjat ta' l-EFTA għandu jipprovdi informazzjoni u assistenza liċ-ċittadini dwar kif u fejn applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti jistgħu jsiru.

*Artikolu 13*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regoli eżistenti dwar drittijiet ta' l-awtur li jistgħu jillimitaw id-dritt tat-terzi li jirriproduċu jew jisfruttaw dokumenti rilaxxati.

*Artikolu 14*

Id-Deċiżjoni Nru 3/2005/KP tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA tad-9 ta' Ġunju qiegħda tiġi mħassra b'dan.

*Artikolu 15*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-1 ta' April 2008.

*Artikolu 16*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 17*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun suġġetta għal reviżjoni fi żmien sena mill-jum ta' l-effett tagħha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kumitat Permanenti*

| *Il-President* | *Is-Segretarju Ġenerali* |
|---|---|
| Stefán Haukur JÓHANNESSON | Kåre BRYN |

*ANNESS*

**Dokumenti ta' l-EFTA relatati maż-ŻEE biex isiru disponibbli għall-pubbliku fuq l-internet**

Ftehim taż-ŻEE u Ftehim ta' l-EFTA relatati:

— Verżjonijiet oriġinali tal-Ftehim taż-ŻEE, il-ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti u l-Ftehim tal-Kumitat Permanenti

— Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE

— Verżjoni konsolidata tal-Ftehim taż-ŻEE

— Verżjoni Konsolidata ta' l-Annessi u l-Protokolli tal-Ftehim taż-ŻEE

— Verżjoni konsolidata tal-Ftehim tas-Sorveljanza u l-Qorti

— Verżjoni konsolidata tal-Ftehim tal-Kumitat Permanenti

Strumenti adottati mill-istituzzjonijiet:

— Deċiżjonijiet adottati tal-Kunsill taż-ŻEE

— Deċiżjonijiet adottati tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

  — Riżoluzzjonijiet tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE

  — Riżoluzzjonijiet tal-Kumitat Konsultattiv taż-ŻEE

  — Opinjonijiet tal-Kumitat Konsultattiv ta' l-EFTA

  — Kumment ta' l-EFTA ŻEE

Aġenda:

— Kunsill taż-ŻEE

— Kumitat Konġunt taż-ŻEE

— Sottokumitati tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (skond ftehim mal-Kummissjoni)

— Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA

— Sottokumitati tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA

— Gruppi ta' ħidma tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA

— Kumitat Parlamentari ta' l-EFTA

— Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE

— Kumitat Konsultattiv ta' l-EFTA

— Kumitat Konsultattiv taż-ŻEE

Konklużjonijiet:

— Kunsill taż-ŻEE

— Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA

— Sottokumitati tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istati ta' l-EFTA

— Kumitat Konġunt taż-ŻEE (skond ftehim mal-Kummissjoni)

— Sottokumitat Konġunt (skond ftehim mal-Kummissjoni)

Rapporti:

— Kumitat Parlamentari ta' l-EFTA

— Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE

— Kumitat Konsultattiv ta' l-EFTA

— Kumitat Konsultattiv taż-ŻEE

Dokumenti ta' informazzjoni:

— Rapport annwali tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

— Programm ta' xogħol tal-Presidenza ta' l-EFTA

— Statistika relatata maż-ŻEE prodotta mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika ta' l-EFTA

— Lista ta' deċiżjonijiet adottati tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

— Lista ta' notifiki mistennija skond l-Artikolu 103

— Lista ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE bi ħtiġiet kostituzzjonali

— Lista ta' numri tas-Celex

— Listi ta' proposti għal-leġiżlazzjoni tal-KE immarkati bħala relevanti għaż-ŻEE mill-Komunità.

— Lista adottata ta' acquis tal-KE mmarkata bħala relevanti għaż-ŻEE mill-Komunità u acquis tal-KE diġà identifikat bħala relevanti għaż-ŻEE mill-esperti taż-ŻEE EFTA mill-Istati Membri taż-ŻEE u l-EFTA.

— Tabelli ta' valutazzjoni tas-Sottokumitati tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

— Stqarrijiet għall-istampa

— Karta bil-Fatti ta' l-EFTA

Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE

— Regoli u Proċeduri għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE

— Linji ta' Gwida għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE

— Memoranda ta' Ftehim għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE

Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż:

— Regoli u Proċeduri għall-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż

— Linji ta' Gwida għall-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż

— Memoranda ta' Ftehim għall-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż